# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar, 2021**

**Numru 1**

**Rikors Numru 131/19TA**

**Alfred Degiorgio**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**
**u**
**L-Avukat Ġenerali**
**u**
**Id-Direttur Qrati u Tribunali Kriminali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tal-Attur ippreżentat fis-26 ta' Lulju 2019 li permezz tiegħu talab is-segwenti:-

> "Illi r-rikorrent, fimkien ma' zewg ko-imputati ohra; Mario Cutajar u Emanuel Formosa, tressaq b'arrest nhar it-13 ta' Novembru tas-sena 2000 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja u fost ghadd ta' imputazzjonijiet ohra, gie akkuzat talli nhar is-26 ta' Ottubru tas-sena 2000 ghall-habta tal-12.35 pm, ikommetta serq ta' madwar LM884,200.00 fi flus kontanti, Maltin u barranin, fuq van tal-'Group 4', liema serq kien kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u valur li jeccedi l-LM100 u tax-xorta tal-haga misruqa.

Illi r-rikorrent inghata l-helsien mill-arrest fil-11 ta' Dicembru tas-sena 2000 fejn fost il-kundizzjonijiet kien mehtieg li jirraporta fl-Ghassa tal-Pulizija tad-distrett ta' fejn joqghod, u cioe' fl-Ghassa taz-Zejtun, kuljum bejn is-18:00 u s-19:00.

Illi fit-18 ta' Novembru tas-sena 2008, inhareg ir-rinviju ghall-gudizzju mill-Avukat Generali, fejn ir-rikorrenti gie akkuzat:

1. Bis-serq ta' flus mill-vettura tal-'Group 4', liema serq gie aggravat bil-vjolenza, mezz, valur u x-xorta tal-haga misruqa;
2. Bis-serq tal-vettura tal-ghamla 'Ford Escort' numru ta' registrazzjoni FAE-505, liema serq gie aggravat bil-mezz, valur u hin;
3. Bis-serq tal-vettura tal-ghamla 'Toyota' numru ta' registrazzjoni AAK-039, liema serq gie aggravat bil-mezz, valur u hin;
4. Bis-serq tal-vettura tal-ghamla 'Hyundai' numru ta' registrazzjoni EAK-502, liema serq gie aggravat bil-mezz, valur u hin;
5. Bir-ricettazzjoni (bhala reat alternattiv);
6. Bl-arrest, detenzjoni jew sekwestru ta' persuni;
7. Bil-hsara volontarja eccedenti €2,500 jew taht €2,500, skond il-kaz;
8. B'reati konessi ma' armi tan-nar.

Illi fit-22 ta' Awisu, 2017 inghatat sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fejn ir-rikorrenti gie misjub hati limitatament ta' ricetazzjoni u kkundannat ghal-piena ta' sentejn (2) prigunerija, sospizi ghal erba (4) snin bl-applikazzjoni tal-Artikou 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi wara li r-rikorrenti intavola appell, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru, 2018, irrevokat is-sentenza appellata u effettivament ghaddiet sabiex tillibera lir-rikorrenti minn kull htija u piena.

Illi dan ifisser li proceduri kriminali istitwiti fis-sena 2000, li effettivament wasslu ghal-liberatorja tar-rikorrenti, damu l-fuq minn tmintax (18)-il sena sabiex gew definitivament maghluqa permezz ta' sentenza li tikkostitwixxi *res judicata*. Ghaldaqstant, bilkemm hemm ghalfejn jinghad illi t-trapass ta' tmintax (18)-il sena u fuqhom sabiex tigi definittivament deciza tali kawza mhuwiex zmien ragjonevoli.

Illi filwaqt li l-appell ntavolat gie ttrattat b'mod spedit u b'efficjenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), il-prosekuzzjoni damet sbatax (17)-il sena tkaxkar saqajha quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Fl-umli fehma tar-rikorrenti ma huwiex gust, in linea mad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, illi persuna, tkun min tkun, tithalla sbatax (17)-il sena mdendla mixlija b'*hold up*, meta l-provi rrizultaw li kienu monki, legalment invalidi u bi vjolazzjoni tal-ligi tal-evidenza.

Illi ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment jissottometti illi l-andament tal-proceduri kriminali fil-konfront tieghu kien leziv tad-drittijiet

fondamentali tieghu sanciti mill-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali hekk kif ser jigi elaborat f'dan ir-rikors u fis-smiegh tieghu minn dina l-Onorabbli Qorti.

**A. Dwar id-Dritt ghal Smiegh Xieraq – Artikolu 39 tal-Kostituzzjonali u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem**

Illi d-dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem gie stabbilit permezz ta' gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u kif ukoll tal-Qorti Kostituzzjonali Maltija. Illi huwa dritt fundamentali tal-individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata fi zmien ragonevoli, liema dritt huwa tassattivament import fuq kull Stat.

Illi z-zmien ragonevoli fi proceduri kriminali huwa generalment imkejjel mill-mument li l-persuni hija infurmata li hemm 'charge' kontra taghha, ghaliex dan huwa l-mument li l-persuna ghandha interess li l-akkuza tigi determinata u konkluza. Dan iz-zmien huwa imbaghad imkejjel sal-mument ("dies ad quem") li dik l-incertezza kkawzata mill-proceduri pendenti tkun giet konkluza u cioe meta jkun hemm id-decizjoni finali jew it-terminu sabiex isir appell ikun ghadda.

F'dana d-dawl, ir-rikorrenti umilment jissottometti illi l-proceduri kriminali fil-konfront tieghu fil-kawza: "Il-Pulizija vs Alfred Degiorgio et" ma gewx konkluzi fi zmien ragjonevoli hekk kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**A.1. Delungar inutli minhabba n-nomina u l-hatra ta' espert sabiex jezamina, janalizza u jikkompara impronti digitali**

Jibda biex jinghad illi d-delungar zejjed fil-proceduri kriminali mertu ta' dan ir-rikors kostituzzjonali kien primarjament ikkagunat minn ghadd ta' tribulazzjonijiet fir-rigward tan-nomina u hatra ta' espert sabiex jezamina u janalizza l-impronti digitali tat-tlett imputati u sabiex dawn l-istess impronti jigu kkomparati ma' dawk li gew elevati fl-inkjesta magisterjali. Di fatti, l-kawza damet is-snin stagnata proprju minhabba l-fatt illi kull espert lokali li gie nnominat ddeklina jew irrinunzja ghal xi raguni jew ohra li jaccetta l-inkarigu.

Inizzjalment, kien is-Sur Joseph Bongailas li gie nominat sabiex jezamina, janalizza u jikkompara l-impronti digitali tat-tlett imputati u tali nomina temergi mir-rinviju tal-Avukat Generali datat 15 ta' Jannar, 2001. Izda fil-verbal taghha tal-1 ta' Frar, 2001, il-Qorti tal-Magistrati ndikat li s-Sur Joseph Bongailas sejjer jirrinunzja l-inkarigu lilu moghti u ghaldaqstant l-istess Bongailas ma kienx f'posizzjoni li jespleta l-komparazzjoni u analisi tal-impronti digitali. Fl-istess verbal, il-Qorti tal-Magistrati rrimarkat li billi ma taf lil hadd li lokalment jista' jespleta l-funzjoni ta' komparazzjoni u analisi ta' impronti digitali, hija kellha f'mohha li tinnomina espert mill-esteru u cioe lis-

Sur Shawn P. Malinson. Ghalhekk, il-Qorti ordnat li ssir komunika lil Ministru tal-Gustizzja sabiex isiru l-ottemperanzi kollha mehtiega skond l-Artikolu 650 tal-Kodici Kriminali.

Tali komunika lil Ministru tal-Gustizzja ai termini tal-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali waqghet fuq widnejn torox, tant li bejn id-9 ta' Marzu, 2001 sal-5 ta' Frar, 2003, minkejja numru ta' komuniki identici maghmula mill-Magistrat sedenti lill-Ministru tal-Gustizzja, baqa qatt ma gie sostitwit is-Sur Joseph Bogailas b'espert iehor. Per konsegwenza, tul dan il-perjodu ta' kwazi sentejn, il-kawza baqghet stagnata peress illi l-Avukat Generali baqa jirrinvija l-atti processwali bl-istess talba, u cioe` sabiex jigi sostitwit l-espert nominat Joseph Bongailas. Ghandu wkoll jigi nnutat li tul dawn is-sentejn, kulma nstemghu kienu zewg xhieda.

Eventwalment, fuq talba tal-Avukat Generali fir-rinviju tieghu tat-13 ta' Novembru, 2002, il-Qorti, fl-udjenza tal-5 ta' Frar, 2003 issostitwixxiet lil espert nominat Joseph Bongailas bl-espert Ivan Portelli sabiex ikun dan tal-ahhar li jezamina, janalizza u jikkompara l-impronti digitali tat-tlett imputati. Izda sussegwentement, fir-rinviju tal-Avukat Generali tal-5 ta' Marzu, 2003, saret talba mill-istess Avukat Generali sabiex is-Sur Ivan Portelli ikun sostitwit bil-hatra tal-espert David Brincat minhabba li s-Sur Portelli jista' jkollu kunflitt ta' interess.

In segwitu, fis-seduta tat-28 ta' Marzu, 2003, il-Qorti tal-Magistrati ghaddiet sabiex tinnomina lil Dr. Nathalie Zahra bhala spert tekniku sabiex taghmel komparazzjon tal-impronti digitali tal-imputati. Fis-seduta tas-7 ta' Lulju, 2003, xehdet bil-gurament Dr. Nathalie Zahra fejn fir-rapport ipprezentat minnha ikkonfermat illi ma kien hemm l-ebda impronta li kienet taqbel ma' dik tal-esponenti. Fid-dawl ta' dawn il-konkluzjonijiet, l-Avukat Generali, fir-rinviju tal-5 ta' Awwissu, 2003, talab sabiex Dr. Nathalie Zahra tikkonferma l-kompletezza, l-ineretezza u l-ezatezza tar-rapport minnha mahluf u pprezentat.

Wara kwazi erba xhur ta' stallar u differimenti inutli, fis-seduta tal-15 ta' Dicembru tas-sena 2003, wara li regghet xehdet Dr. Nathalie Zahra sabiex tikkonferma l-kompletezza, l-ineretezza u l-ezatezza tar-rapport minnha mahluf, il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-Avukat Generali dwar jekk ghandhiex ukoll tigi sostitwita Dr. Nathalie Zahra.

Effettivament, id-delungar baqa jippersisti meta fir-rinviju tad-9 ta' Marzu, 2004 l-Avukat Generali talab sabiex tigi nominata Dr. Juliana Scerri Ferrante minflok Dr. Nathalie Zahra u sabiex dina tespleta l-inkarigu lilha moghti. Wara hafna tkaxkir tas-saqajn, xehdet Dr. Juliana Scerri Ferrante fl-udjenza tat-2 ta' Awwissu, 2004; izda madanakollu, l-espert stqarret li kinetx f'posizzjoni li tespleta l-inkarigu moghti lilha stante n-nuqqas ta' kompetenza taghha.

Minn dan il-punt il-quddiem, ghal erba' snin shah, cioe bejn it-2 ta' Awwissu, 2004 sa meta nhargu l-artikoli mill-Avukat Generali fit-18 ta Novembru, 2008, inzammu madwar 40 seduta fejn prattikament ma sar xejn u l-kawza

baqghet fi stat stagnat. Mill-atti processwali wiehed josserva sensiela shiha ta' rinviji identici mahruga inutilment mill-Avukat Generali, fejn gie ripetutament mitlub li jinstema l-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo u kif ukoll jinstema kull xhud iehor li joghgobha tharrek il-prosekuzzjoni. Dan l-istess rinviju baqa jigi mahrug b'mod ripetut ghal total ta' dsatax (19)-il darba bejn id-9 ta' Marzu, 2004 sad-9 ta' April, 2007, izda sfortunatament minghajr ebda ottemperanza. Di fatti, kien biss fl-4 ta' Awwissu, 2010, wara li kienu gia nhargu l-artikoli mill-Avukat Generali, li l-Kummissarju tal-Pulizija iddepona quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-proceduri kriminali mertu ta' dan ir-rikors kostituzzjonali.

Id-delungar inutli f'dak li ghandu x'jaqsam man-nomina u hatra ta' espert ghal skop ta' ezaminazzjoni u komparazzjoni ta' mpronti digitali, rega ssokta meta l-Avukat Generali, fir-rinviju tieghu tad-9 ta April, 2007, talab lill-Qorti tal-Magistrati sabiex fid-dawl tax-xhieda ta' Dr. Nathalie Zahra, tas-sostituzzjoni taghha bl-espert Dr. Juliana Scerri Ferrante, u fid-dawl tad-deposizzjoni tal-istess Dr. Juliana Scerri Ferrante, joghgobha mill-gdid tahtar espert tekniku sabiex iwettaq mill-gdid analisi teknika tal-impronti digitali b'mod komprensiv u konklussiv, liema analisi kienet precedentament rikjesta minn Dr. Nathalie Zahra u Dr. Juliana Scerri Ferrante. B'risposta ghat-tali talba, fil-verbal taghha tal-1 ta' Gunju, 2007, il-Qorti ghamlitha cara li jekk kien hemm xi nuqqas rigward in-nomina tal-espert tekniku, dan kien imputabbli lill-Ministru tal-Gustizzja li naqas li jottempera ruhu mal-art. 650 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti ziedet tirrimarka fl-istess verbal li hi mhix mistennija li tkun taf l-esperti bi specjalizazzjoni differenti proprju minhabba li l-esperti li kienet a konnoxxenza taghhom sfortunatament irrinunzjaw l-inkarigu lilhom moghti.[1]

L-esponenti ghaldaqstant jistaqsi; jekk il-Qorti mhix mistennija li taghmel dan, kemm huwa inqas mistenni mill-esponenti li jkun jaf hu b'esperti li kapaci jaqdu dana l-inkarigu? Madanakollu, kien effetivamnet l-esponenti illi kien qieghed jghaddi process gudizzjarju bil-konsegwenzi kollha li dan igib mieghu.

Fis-seduta tat-23 ta' Ottubru, 2007, il-Qorti regghet ghazlet li tinnomina lill-espert Ivan Bartolo, liema espert kien diga gie mahtur biex jaqdi tali inkarigu fis-seduta tal-5 ta' Frar, 2003. Izda, minhabba illi fir-rinviju tieghu tal-5 ta Marzu, 2003, l-Avukat Generali kien tal-fehma li s-Sur Ivan Portelli jista jkollu kunflitt ta' interess, l-inkarigu moghti lilu kien gie sostitwit bil-hatra ta' Dr. Nathalie Zahra.

Wara li ghaddew seba' (7) xhur u nzammu total ta' hames (5) seduti fejn fihom ma sar xejn, is-sitwazzjoni kompliet tikkrolla hekk kif fil-verbal taghha tad-19 ta' Mejju, 2008, il-Qorti nnotat li peress li s-Sur Ivan Portelli rrifjuta, ghal xi raguni jew ohra, li jaccetta l-inkarigu u peress li ma kienx hemm esperti lokali fir-rigward l-impronti digitali li jistghu jigu nominati u jesegwixxu l-inkarigu, is-Supretendent Carmelo Bartolo, bhala ufficjal prosekutur, kellu jobbliga ruhu li jindika, permezz ta' nota, espert barrani li kapaci jaqdi dana

[1] A fol 741 tal-atti processwali

l-inkarigu u jobbliga ruhu sabiex jinnotifika lil kull imputat bi tlett'ijiem ghar-risposta.

Isegwu sensiela shiha ta' differimenti fejn ma sehh xejn u l-proceduri regghu issoktaw fl-4 ta' Awwissu, 2010 li fihom xehdu x-xhieda tal-prosekuzzjoni gia' mitluba fir-rinviju ghall-gudizzju quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Fl-istess udjenza l-Qorti ordnat it-trattazzjoni tar-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-27 ta' Lulju 2010 li hu indikattiv tad-diffikultajiet riskontrati biex jinstab espert. Fis-seduta tal-10 ta' Ottubru tas-sena 2010, is-Supretendent Bartolo talab lill-Qorti sabiex tinnomina lis-Sur Joseph Mallia bhala espert sabiex jigi u jiehu l-impronti digitali tal-imputati fl-awla ghal skop ta' komparazzjoni u sussegwentement fil-verbal taghha tal-1 ta' April tas-sena 2011, il-Qorti, fuq l-iskorta tal-Artikolu 650 tal-Kodici Kriminali, ghaddiet sabiex tinnomina lil espert esteru Philip Gilhooley sabiex ikun hu li jesegwixxi l-ezercizzju ta' analizi u komparazzjoni tal-impronti.

Wara trapass ta' iktar minn sentejn mill-jum minn nomina tieghu, nhar it-3 ta' Settembru ta-sena 2013, s-Sur Philip Gilhooley finalment xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati u esebixxa r-relazzjoni tieghu rigwardanti l-komparazzjoni tal-impronti digitali tattlett imputati. Fl-istess udjenza, il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma fadallhiex izjed provi x'tiproduci. Ghaldaqstant, ta' min wiehed jenfasizza li l-prosekuzzjoni damet total ta' tlettax (13)-il sena biex reqqet il-proi kollha taghha, u bhal ma gie kronologikament elenkat, dan id-dewmien kien wiehed inutli u fil-maggior parti tieghu, ma kienx attribwibbli ghall-agir tar-rikorrenti.

B'kuntrast ghad-delungar da parte tal-prosekuzzjoni, fejn effetivament damu jkaxkru saqajhon ghal tlettax(13)-il sena biex ressqu l-provi kollha taghhom, it-tlett koimputati fil-proceduri kriminali mertu ta' dan ir-rikors kostituzzjonali ressqu x-xhieda in difesa u ghamlu l-kontro-ezamijiet kollha mehtiega fi zmien tlett (3) snin, u cioe bejn ix-xahar ta' Settembru tas-sena 2013 u x-xahar ta' Lulju tas-sena 2016.

Finalment, fit-22 ta' Awwissu, 2017 inghatat sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fejn ir-rikorrenti gie misjub hati limitatament ta' ricetazzjoni. Sussegwentement, wara li gie ntavolat appell mir-rikorrent, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru 2018, irrevokat is-sentenza appellata u effettivament ghaddiet sabiex tillibera lir-rikorrenti minn kull htija u piena. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti kellu jistenna l-fuq minn tmintax (18)-il sena sabiex inghata gudizzju finali permezz ta' sentenza li tikkostitwixxi *res judicata*, fejn effettivament gie liberat minn kwalsiasi htija u piena.

## A.2 Delungar inutli minhabba sensiela ta' differimenti

Jehtieg li jigi rilevat ukoll illi fil-mori tal-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti saru diversi differimenti inutli u li ghalihom ir-rikorrenti ma ghandu l-ebda htija. Tali differimenti pprekludew lill-istess rikorrenti milli jkollu smiegh xieraq fi zmein ragjonevoli. Is-segwenti huma d-differimenti li ghalihom qeghda ssir referenza:

- Nhar it-8 ta' Frar, 2001 il-kawza giet differita stante li l-Assistent Kummissarju kien jinsab maqbud b'xoghol ta' natura urgenti;
- Nhar il-5 ta' April, 2001 il-kawza giet differita stante li ma gie mharrek ebda xhud;
- Nhar is-16 ta' Mejju, 2001 il-kawza giet differita stante li li ma gie mharrek ebda xhud;
- Nhar it-8 ta' Gunju, 2002 il-kawza giet differita billi ma kienx car jekk l-imputat giex notifikat jew le;
- Nhar is-16 ta' Awwissu, 2002 il-kawza giet differita stante li l-ufficjal prosekutur informa lill-Qorti li l-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo kien ser jixhed fi stadju iktar ulterjuri wara li jkunu saru provi ohra;
- Nhar l-14 ta' Ottubru, 2002 il-kawza giet differita stante li l-Magistrat sedenti kien jinsab indispost;
- Nhar it-3 ta' Dicembru, 2002 il-kawza giet differita stante li l-Kummissarju tal-Pulizija ma deherx wara li gie msejjah diversi drabi;
- Nhar it-22 ta' Mejju, 2003 ma sar xejn u ma nstemghet ebda xhieda. Kawza giet differita;
- Nhar id-29 ta' Awwissu, 2003 il-kawza giet differita stante li l-Magistrat sedenti kien jinsab imsiefer;
- Nhar is-27 ta' Ottubru, 2003 il-kawza giet differita stante li l-awla tal-Qorti kienet sprovista minn kurrent tal-elettriku;
- Nhar il-5 ta' April, 2004 il-kawza giet differita stante li l-Magistrat sedenti kien jinsab indispost;
- Nhar it-8 ta' Gunju, 2004 il-kawza giet differita stante li l-Assistent Kummissarju ma setax jattendi;
- Nhar id-29 ta' Settembru, 2004 il-kawza giet differita stante li l-Magistrat sedenti kien jinsab impenjat fil-Qorti t'Ghawdex;
- Nhar it-22 ta' Novembru, 2004 il-kawza giet differita stante li l-ispettur Caruana kien jinsab impenjat f'guri.
- Nhar id-29 ta' Marzu, 2005 il-kawza giet differita stante li l-Magistrat sedenti kien jinsab indispost;
- Nhar il-25 ta' Mejju, 2005 il-kawza giet differita stante li l-Magistrat sedenti kien jinsab indispost;
- Nhar il-5 ta' Settembru, 2005 il-kawza giet differita stante li prosekutur informa lill-Qorti li l-Kummissarju tal-Pulizija kien jinsab impenjat b'xoghol urgenti;
- Nhar l-14 ta' Dicembru, 2005 il-kawza giet differita stante li l-Mgistrat sedenti kien jinsab impenjat fil-Qorti t'Ghawdex;
- Nhar id-29 ta' Mejju, 2006 il-Kummissarju tal-Pulizija kien prezenti l-Qorti izda billi l-Qorti kellha ammont kbir ta' kawzi bl-arrest ma sabitx hin tisma' x-xhieda tieghu.
- Nhar is-17 ta' Lulju, 2006 il-kawza giet differita stante li ghalkemm il-Kummissarju tal-Pulizija kien imharrek, il-Qorti giet infurmata li huwa kien jinsab indispost. L-ispettur ukoll kien indispost.
- Nhar il-31 ta' Awwissu, 2006 il-kawza giet differita stante li l-Magistrat sedenti kien jinsab imsiefer;

- Nhar l-14 ta' Dicembru, 2006 il-kawza giet differita stante li l-ufficjal prosekutur informa lill-Qorti li l-imputati ma kienux gew notifikati ghas-smiegh tal-kawza;
- Nhar it-22 ta' Jannar, 2007 il-kawza giet differita stante li ma deher hadd ghal prosekuzzjoni u kien prezenti biss l-imputat Mario Formosa;
- Nhar il-5 ta' Marzu, 2007 il-kawza giet differita stante li ma tfaccax l-ispettur;
- Nhar id-19 ta' April, 2007 il-kawza giet differita stante li l-prosekuzzjoni talbet differiment li ma kienx oppost mid-difiza;
- Nhar it-13 ta' Lulju, 2007 il-kawza giet differita stante li l-awla tal-Qorti kienet sprovista minn kurrent tal-elettriku;
- Nhar it-3 ta' Dicembru, 2007 il-kawza giet differita stante li l-Magistrat sedenti kien jinsab impenjat b'xoghol urgenti;
- Nhar l-14 ta' Jannar, 2008 il-kawza giet differita stante li ghall-prosekuzzjoni ma deher hadd;
- Nhar is-7 ta' Lulju, 2008 il-kawza giet differita stante li l-Magistrat sedenti kien jinsab imsiefer;
- Nhar il-25 ta' Awwissu, 2008 il-kawza giet differita stante li l-Magistrat sedenti kien jinsab imsiefer;
- Nhar il-15 ta' Jannar, 2009 il-kawza giet differita fuq talba tal-prosekuzzjoni;
- Nhar il-20 ta' April, 2009 il-kawza giet differita ghat-2 ta' Novembru, 2009 stante li l-ispettur kien jinsab maqbud f'guri;
- Nhar is-27 ta' Settembru, 2011 il-kawza giet differita stante li kien hemm theddida ta' bomba fil-Qorti;
- Nhar it-2 ta' Mejju, 2012 il-kawza giet differita stante li l-ufficjal prosekutur kien jinsab indispost;

Fid-dawl tas-su-espost, ir-rikorrenti jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Anton Camilleri vs Avukat Generali**, deciza nhar l-1 ta' Frar, 2016 fejn il-Qorti sostniet:

> "Din il-Qorti, bhal-ewwel Qorti, hi tal-fehma li r-rikorrent m'ghandux jitghabba b'nuqqasijiet procedurali li hu ma kellux htija ghalihom …
>
> In kwantu d-dmir ewlieni li l-kawzi jitmexxew b'heffa u efficjenza, minkejja wkoll l-inerzja tal-partjiet u/jew tal-esperti teknici, dan jaqa' fuq il-Qorti u, ladarba hemm ukoll dmir fuq l-awtorita` pubblika li taghmel disponibbli rizorsi bizzejjed biex il-qrati jkunu jistghu jwettqu dan id-dmir taghhom, **<u>din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-Avukat Generali illi l-iStat ghandu jkun ezonerat minn responsabbilita` ghal dewmien ta' tant snin biex tinqata' kawza ta' komplessita` mhux aktar mill-medja.</u>**" (enfasi tar-rikorrenti).

Di piu, fis-sentenza fl-ismijet: **Central Mediterranean Development Corporation Limited vs. Avukat Generali**, deciza fl-14 ta' Novembru 2002 mill-Prm'Awla tal-Qorti Cvili (Sede Kostituzzjonali), saret referenza ghall-kawzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

(QEDB): **Vacaturo vs Italy** deciza fl-24 ta' Mejju tas-sena 1991 u **G.H. vs Austria** deciza fit-3 ta' Ottubru tas-sena 2000, fejn gie ritenut:

> "It is for contracting states to organise their legal systems in such a way that their Courts can guarantee the right to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligation within a reasonable time."

In oltre, huwa opportun f'dan ir-rigward li ssir ukoll referenza ghal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni taghha tas-26 ta' Mejju 2014 fl-ismijiet: **Joseph Lebrun vs Avukat Generali**, fejn intqal:

> "**Inutli ghall-Avukat Generali li jghid illi l-espert tekniku dan biex wettaq l-inkariku tieghu u anzi baqa' ma wettqux ghax ma kellux t-taghrif kollu li kien jehtieg. L-Avukat Generali kien imissu jew ghamel dak li kellu jaghmel biex dak it-taghrif jingieb jew, jekk dan ma kienx legalment possibbli, jogghod minghajr il-prova relativa**. Certament ma jistax ihalli l-proceduri pendenti *ad aeternum* sakemm forsi dik il-prova titfacca. Dan in-nuqqas isir aktar gravi meta tqis illi l-qorti lanqas biss kienet mgharrfa bid-diffikoltajiet li kien qieghed isib l-espert u thalliet taghti differiment wara iehor bhallikieku kollox kien miexi sew.
>
> **Il-verita` hi illi dahlet il-prassi – hazina – illi l-prosekuzzjoni tmexxi l-kaz bil-lajma, kultant tressaq xi xhud, kultant xi prova u kultant lanqas biss tidher ghas-seduta – bhallikieku din hija biss haga fakoltativa – u hekk il-kumpilazzjoni li jmissha tintemm fi zmien ta' qimghat tiehu s-snin**. Kulhadd jaqbel li din hija prassi hazina u ma huwiex mehtieg intervent legislattiv biex tinbidel, izda xorta jibqa' jsir l-istess."

Issir ukoll referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs. Silvio Zammit**, deciza fis-26 ta' April, 2018,[2], fejn saret referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Gatt vs Avukat Generali**, deciza fit-28 ta' Frar, 2014, fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> "Hu ormai ben assodat, kemm fil-gurisprudenza tal-Qrati nostrana kif ukoll f'dik tal-Qorti Ewropeja li, biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjonai u tal-Konvenzjoni **ghandhom jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz b'mod patikolari l-komplessita` tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif qab ruhu r-rikorrent fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta**

[2] Konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju, 2018

> **<u>minhom, kif imxew il-Qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef ir-rikorrent bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex jigi deciz b'mod finali l-kaz</u>**. (Vide **Frydlender v. France** GC no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII; Q.Kos. **Sydney Ellul Sullivan vs Kummissarju tal-Pulizija et**, 28 Jannar 2013, para. 22). Ghalhekk f'kawza bhal din m'ghandux biss sempliciment jigi konsidrat it-tul effettiv kemm damet il-kawza biex tigi deciza. Ghandhom ukoll jittiehdu in konsiderazzjoni fatturi ohra."

Illi kaz jista' jkun kumplikat ghal diversi ragunijiet fosthom volumi t'evidenza, in-numru ta' persuni akkuzati, il-htiega li tinkiseb evidenza minn barra minn Malta, il-kumplessita ta' punti legali kif ukoll il-htiega ta' evidenza ta' akkuzati ohra. L-awturi **Harris, O'Boyle and Warbrick**[3] jghidu hekk dwar il-punt ta' kumplessita ta' procedura:

> "As to the first of the three factors listed above, a case may be complex for many reasons, such as the volume of evidence, the number of defendants or charges, the need to contain expert evidence or evidence from abroad, or the complexity of the legal issues involved. Although the Court takes into account a case's complexity, there may come a point where it will simply regard the proceedings as too long to be reasonable [See **De Clerck** v **Belgium** hudoc (2007) para 57 (nearly 17 years and still pending; money laundering and fraud)]."
>
> […]
>
> "In **Ferrantelli and Santangelo v Italy** [1996-III, 23 EHRR 288 para 42. For other such cases see eg **Comingersoll SA v Portugal; Gumusten v Turkey** (2004); **Uoti v Finland** (2004); **Obasa v UK** (2003); **Jordan v UK** (No 2)(2002); **Rutolo v Italy** (1992)] the court found a violation where a difficult murder trial had taken 16 years. Although, apart from an 'inexplicable period of stagnation of nearly two years during the first investigation', the case had proceeded regularly, such a length of time was just too long to be 'reasonable'."

Fil-kaz odjern, fir-rigward tal-kumplessita tal-kaz, ghandu jig rilevat illi tali kawza ma kellhiex kumplessita iktar mill-medja. Huwa minnu li fil-kaz odjern instemghu diversi xhieda, kien hemm il-htiega li jigi mahtur espert esteru u kif ukoll il-prosekuzzjoni hasset il-htiega li kellha twarrab ir-relazzjoni tal-espert Dr. Nathalie Zahra, pero tali cirkostanzi zgur ma jistghu qatt jiggustifikaw il-fatt li l-prosekuzzjoni damet tlettax (13)-il sena tkaxkar saqajha sabiex iddikjarat il-provi taghha

[3] Fil-ktieb 'Law of the European Convention on Human Rights', 4th edn, 2018.

maghluqa. Bir-rispett qieghed jigi sottomess illi problemi rizultanti mill-inadekwatezza u l-kumplessita` tal-istrutturi li tfasslu sabiex tithaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-gustizzja, u cioe dawk attribwibbli lill-istat, m'ghandhom qatt jitqiesu bhala parti mill-kumplessita` tal-kaz in ezami.

Ghaldaqstant, tenut kont ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha u stabbiliti dawn il-principji gurisprudenzjali, huwa manifestament car li l-proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati mertu ta' dan ir-rikors kostituzzjonali twalu b'mod irresponsabbli ghall-ahhar u b'konsegwenza ta' dan id-delungar inutli, fl-umli fehma tar-rikorrenti ma jista' qatt jinghad illi huwa inghata smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli hekk kif titlob il-ligi.

**c. <u>Konkluzjoni</u>**

Fid-dawl tas-su espost ir-rikorrenti umilment jishaq li huwa ampjament car li gie lez id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq hekk kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara l-agir tal-intimati jew min minnhom, illegali u li jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi jiksru l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-bniedem, jew liema minnhom; u

2. Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu kumpens xieraq lir-rikorrenti, tenut kont ic-cirkostanzi kollha li l-Qorti tqis bhala rilevanti; u

3. Taghti dawk l-ordnijiet u direttivi ohra li jidhrilha xierqa u opportuni skond il-ligi u c-cirkostanzi tal-kaz."

Rat ir-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali preżentata fl-20 ta' Awwissu 2019 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:-

"Illi fir-rikors promotur ir-rikorrent qieghed jallega li garrab lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostsituzzjoni minhabba dewmien irragjonevoli fil-proceduri kriminali li gew istitwiti kontrih.

Illi esponenti jirrespingi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smiegh ta' process eccediex il-parametri tas-smiegh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita' gudizzjarja. Ghalhekk, skond il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura.

Illi ghalkemm m'hemmx dubju li l-kawza kriminali in kwistjoni hadet certu zmien biex giet konkluza, dan kien gustifikat minhabba l-komplessita' tal-kaz u d-diffikultajiet li qamu fil-gbir tal-provi waqt il-kumpilazzjoni.

Ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas lampanti mill-partijiet involuti li wassal ghal dewmien biex il-kawza tinstema fi zmien ragjonevoli u wisq anqas ma kien hemm nuqqas mill-esponent jew tal-Qorti li semghet il-kawza. Ukoll is-sentenzi inghataw fi zmien ragjonevoli.

Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gudizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta.

Illi jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggah fit-tgawdija tad-drittijiet tieghu skond il-Ligi.

Illi finalment sabiex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien irragjonevoli, kull kaz irid jigi studjat fuq il-mertu tieghu u fil-kumplessivita' tieghu u fil-kaz odjern l-esponent jeccepixxi li mill-assjem tal-proceduri kriminali in dezamina ghalkemm il-kaz dam numru ta' snin sakemm gie deciz, ma kienx hemm dewmien irragjonevoli ghaliex dan id-dewmien kien gustifikat.

Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess u ghall-gieh tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien xi dewmien irragjonevoli u allura tqis li ghandha taghti xi forma ta' rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju ghandu jkun biss ta' kumpens bhala danni morali u mhux ta' danni materjali.

Ghalhekk u fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez."

Rat ir-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Qrati) ppreżentata fit 23 ta' Settembru 2019 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

"1. Illi *in linea* preliminari id-Direttur Qrati u Tribunal Kriminali m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent;

2. Illi f'dan il-kaz ir-rikorrent bl-ebda mod ma hu qed jattribwixxi l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali, ghal xi nuqqas minn naha tal-amministrazzjoni tal-Qrati rapprezentata mid-Direttur Qrati u Tribunali Kriminali u ghalhekk anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi jidher li r-rikorrenti qed jattribwixxi l-ilmenti tieghu ghall-gudikant li kien qed jippresjedi dawn il-proceduri, ghal Avukat Generali u ghal Ministru tal-Gustizzja stante li kien hemm xi problema relatata mal-hatra ta' espert tal-impronti digitali u dan dan l-allegat nuqqas zgur li ma jistax iwiegeb jew jigi tenut responsabbli l-esponenti.

4. Illi ssir riferenza ghal kawza fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Delia et vs Registratur tal-Qrati et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' April 1990, fejn dwar il-posizzjoni tar-Registratur u tad-Direttur tal-Qrati specifikatament intqal li r-Registratur tal-Qrati m'ghandux ir-rapprezentanza tal-Qrati u hu mhux persuna legittima biex joqghod f'kawza fejn jigi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent gew vjolati bi proceduri pendenti quddiem il-Qorti.

5. Illi in oltre l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn intqal:

'*Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibbli ghall-operat tal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn ikun legittimu kontradittur*.'

6. Illi l-esponenti ma kellu ebda kontroll fuq il-proceduri patikolari u lanqas ma kienu involut fil-materja u ghalhekk zgur li l-ilmenti tar-rikorrent mhux tort tal-esponenti la kien parti fil-proceduri u lanqas edott minn nuqqasijiet jew problemi li setghu inqalghu matul il-proceduri u ghaldaqstant id-dewmien lamentat mir-rikorrenti zgur li mhux tort tal-esponenti.

7. Illi huwa risaput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht l-ebda dipartiment governattiv u ghalhekk anke minn dan il-lat it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

8. Illi f'dan il-kuntest l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn gie ritenut:

   '*Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registatur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, <u>huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skond il-ligi</u> – u hu ma hux f'posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati*.'

9. Salvi, jekk il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad *in toto* t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Rat l-atti proċesswali allegati in atti tal-kawża fl-ismijiet Pulizija vs Alfred Degiorgio et deċiża finalment mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Diċembru 2018 in segwitu għal sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-22 ta' Awwissu 2017;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Novembru 2020 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

B'dan l-ilment kostituzzjonali, l-Attur qed isostni li sofra minn ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijet tal-Bniedem.

Dan għaliex il-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu fil-kawża Il-Pulizija vs Alfred Degiorgio ma ġewx konklużi fi żmien raġjonevoli minħabba dilungar inutli kawżat għal żewġ raġunijiet segwenti:

1. In-nomina u l-ħatra ta' espert sabiex jeżamina, janalizza u jikkompara impronti diġitali (ara rikors promotur a' fol 3-7) u

2. Sensiela ta' differimenti indikati fil-verbali elenkati fir-rikors promotur (fol 8-10) li saru wara li:

i. Ma sar xejn u ma nstemgħet ebda xhieda (22 ta' Mejju 2003, 22 ta' Mejju 2003);

ii. L-Assistent Kummissarju, xhud ewlieni, ma deherx għax kien jinsab maqbud b'xogħol ta' natura urġenti (8 ta' Frar 2001) jew sempliċiment ma deherx (16 ta' Awwissu 2002, 3 ta' Diċembru 2002, 8 ta' Ġunju 2004, 17 ta' Lulju 2006);

iii. Ix-xhieda ma ġietx imħarrka (15 ta' April 2001, 16 ta' Mejju 2001);

iv. L-imputati ma kienux, jew ma hux ċar jekk kienux, notifikati (8 ta' Ġunju 2002, 14 ta' Diċembru 2006);

v. Il-Maġistrat sedenti kien jew

a) indispost (14 ta' Ottubru 2002, 5 ta' April 2004, 29 ta' Marzu 2005, 25 ta' Mejju 2005);
b) imsiefer (29 ta' Awwissu 2003, 31 ta' Awwissu 2006, 7 ta' Lulju 2008, 25 ta' Awwissu 2008);
c) impenjat fil-Qorti t'Għawdex (29 ta' Settembru 2004, 14 ta' Diċembru 2005);
d) impenjat b'xogħol urġenti (3 ta' Diċembru 2007);
e) ma sabx ħin jisma lix-xhud ewlieni, il-Kummissarju tal-Pulizija li kien preżenti, minħabba li kellu quddiemu ammont kbir ta' kawżi bl-arrest (29 ta' Mejju 2006);

vi. L-awla tal-Qorti kienet sprovvizta mill-kurrent elettriku (27 ta' Ottubru 2003, 28 ta' Awwissu 2007);

vii. L-Uffiċjal Prosekutur (Spt Caruana) kien

a) jinsab maqbud f'ġuri (verbal 22 ta' Novembru 2004, 20 ta' April 2009);
b) xogħol ta' natura urġenti (verbal 5 ta' Settembru 2005);
c) indispost (17 ta' Lulju 2006, 13 ta' Lulju 2007, 2 ta' Mejju 2012);
d) baqa ma deherx (5 ta' Marzu 2007, 14 ta' Jannar 2008);

viii. Ma deher ħadd ħlief l-imputat Mario Formosa (22 ta' Jannar 2007);

ix. Il-prosekuzzjoni talbet differiment mhux oppost (19 ta' April 2007, 15 ta' Jannar);

x. Theddida tal-bomba fil-Qorti (27 ta' Settembru 2011)

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

Skont l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea "*Fid-deċiżjoni ... ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smiegħ ... fi żmien raġonevoli ...*".

L-istess jistipula l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni li "*Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu ... jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli ...*"

Ir-rekwiżit ta' żmien raġjonevoli fi proċedimenti kriminali jfittex li jiżgura li persuni akkużati ma jitqiegħdux taħt akkuża għal żmien twil wisq u li l-akkuża tiġi determinata. Dan sabiex l-persuni akkużati ma jdumux fit-tul fi stat ta' inċertezza b'rabta mar-riżultat tal-akkużi kriminali kontrihom (ara **Wemhoff vs Germany**, Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-**Bniedem, 27 ta' Ġunju 1968, § 18, Kart v. Turkey, Qorti Ewrpeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bħala Awla Manja (AM), 3 ta' Diċembru 2009, § 68**).

Kif ġie delinjat f'iktar dettal, "*hu meqjus li l-ħtieġa ta' smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli fil-każ ta' proċedura kriminali fl-artikolu 6 tal-konvenzjoni "is to guarantee that within a reasonable time, and by means of a judicial decision, an end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil-law position or on account of a criminal charge against him; in the interest of the person in question as well as of legal certainty. This rationale entails that the provision also applies in cases where there is no question of detention on remand" (Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), pg. 602 – 3);*

*Illi għalhekk il-ħtieġa ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, taħt il-Konvenzjoni tinbena fuq il-fatt li (a) id-dewmien iqiegħed fil-periklu l-effettivita` u l-kredibilta` tal-ġustizzja; (b) il-ħtieġa li l-persuna mixlija tingħata l-opportunita' ta' difiza xierqa w effettiva tant li jingħad li "the right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic*

*rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence" (Stephanos Stavros* **–** *The guarantees for Accused Persons under Article 6 of the European Convention on Human Rights – paġ 77); (ċ) d-dewmien joħloq fil-persuna mixlija li titħalla hekk għal żmien twil stat ta' incertezza fuq il-verdett tal-innoċenza jew il-ħtija tagħha u fuq x'sejjer ikun id-destin tagħha; u (d) d-dewmien ta' proċeduri kriminali għandu effett negattiv fuq il-fama tal-persuna mixlija;*" (**Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar 2016**)

Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) kif riflessa fil-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, stabbilit il-prinċipji li għandhom jiddeterminaw it-tul taż-żmien tal-proċedimenti u l-kriterji indikattivi tar-raġjonevolezza sa fejn jirrigwarda t-tul taż-żmien.

<u>Id-determinazzjoni tat-tul taż-żmien tal-proċedimenti</u>

Il-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien fil-każ ta' proċeduri kriminali jibda jiddekorri mill-mument li l-persuna tiġi "akkużata" minn awtorita kompetenti (**Adrian Busietta v. L-Avukat Ġenerali et, Qorti Kostituzzjonali, 13 ta' Marzu 2006, para 9; Tychko v. Russia, QEBD, 11 ta' Ġunju 2015, § 63;**

**Neumeister v. Austria, QEBD, 27 ta' Ġunju 1968, § 18**). Dan iż-żmien jista' jibda jgħodd anke qabel mal-każ jitressaq quddiem il-qorti (**Deweer v. Belgium**, **QEBD, 27 ta' Frar 1980, § 42)**, preċiżament minn meta s-sitwazzjoni tal-akkużat tkun "sostanzjalment affettwata" (**Mamič v. Slovenia (no. 2)**, **QEBD, 27 ta' Lulju 2006, §§ 23-24; Liblik and Others v. Estonia, QEBD, 28 ta' Mejju 2019 § 94**).

Kif irriteniet il-Qorti fil-kawża **Francis Said vs l-Avukat Ġenerali**, **Qorti Ċivili Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), 6 ta' Mejju 2009** "*Iz-zmien jibda jiddekorri minn meta l-akkuzat ikun rinfaccjat b'cirkostanzi tali li "substantially affect the situation of the suspect". ... . Mhix rilevanti d-data ta' meta sar r-reat, jew meta ssir l-inkjesta magisterjali.*"

Il-**Qorti Civili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet Malcolm Said -vs- Avukat Ġenerali tal-14 ta' Jannar 2016**, elenkat eżempji li ġew meqjusa bħala sitwazzjonijiet li affettwaw sostanzjalment lill-akkużat. Dawn huma:

- "[Meta] *Issir tfittxija fid-dar tar-rikorrent - Ommer v. Germany, ECHR 26073/03 par. 69;*
- *Meta r-rikorrent jigi maghrraf mill-pulizija bl-akkuzi kontra tieghu - Ommer v. Germany, ECHR 10597/03 par. 54)* [ara wkoll **Il-Pulizija (Spettur Anthony Agius) v. Angelo Abela**, **Qorti Kostituzzjonali, 30 ta' Settembru 2016 para 33**];

- *Meta jigi arrestat - Wenhoff v. Germany, ECHR 2122/64 deciza fis-27 ta' Gunju 1968 par. 19; Cevicovic v. Germany, ECHR 49746/99 deciza fid-29 ta' Lulju 2004 par. 59,*

- *Meta bdiet l-investigazzjoni preliminari - Wenhoff v. Germany, ECHR 2122/64 deciza fis-27 ta' Gunju 1968 par. 19* [jew bl-interrogazzjoni tal-persuna suspettata li wettqet reat - **Kalēja v. Latvia**, QEBD, 5 ta' Ottubru 2017 § 40; jew anke bil-ftuħ ta' proċeduri kriminali - **Ringeisen vs Austria**, QEDB, 16 ta' Lulju 1971, § 110; **Šubinski v. Slovenia**, QEBD 18 ta' Jannar 2007, §§ 65-68)];

- *Meta l-pulizija tissottometti rikjesta biex tigi mnehhija l-immunita tar-rikorrent - Frau v. Italy, ECHR 12147/86 deciza fl-24 ta' Jannar 1991 par. 15; jew*

- *Meta l-awtoritajiet tat-taxxa jabbozzaw audit report li jkun jinkludi obbligazzjoni biex jithallsu tax surcharges - Janosevic v. Sweden, ECHR 34619/97 deciza fit-23 ta' Lulju 2002 par. 92. 16; Foti and others v. Italy, ECHR 7604/76 deciza fl-10 ta' Dicembru 1982 par. 52."* (kliem fil-parenteżi miżjuda min din il-Qorti).

Ir-rekwiżit ta' żmien raġjonevoli japplika għall-proċeduri kollha inkluż dawk quddiem Qorti tal-Appell (**König vs Germany, QEDB, 28 ta' Ġunju 1978, paragrafu 98; Delcourt v. Belgium, QEBD, 17 ta' Jannar 1970, §§ 25-26; V. v. the United Kingdom, Awla Manja (AM), 16 ta' Diċembru 1999**

**§ 109**). B'hekk iż-żmien rilevanti jibqa' jitkejjel sas-Sentenza li tiddetermina l-akkuża, jiġifieri sakemm "*iż-żmien tal-inċertezza maħluqa bil-pendenza tal-proċedura jkun intemm. Dan iseħħ jew mal-għoti tas-sentenza li tkun jew mal-għeluq taż-żmien li minnha seta sar appell (QEDB* ***19.2.1991*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Angelucci vs Italja*** *(Applik. Nru. 12666/87) § 15)*" (**Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali ċitata supra; ara wkoll Neumeister vs Austria, 27 ta' Ġunju 1968, *§* 19**).

Akkuża kriminali hija "ddeterminata" biss meta s-Sentenza tkun eventwalment stabbilita bil-kundanna jew liberatorja tal-akkuzat (**Wemhoff v. Germany,** gia citata supra, § 18). F'kaz ta' kundanna din trid tkun definittiva, finali u ezegwita (**Eckle vs Germany, QEBD, 15 ta' Lulju 1982, § 77; Ringeisen v. Austria, citata supra, § 110; V. v. the United Kingdom citata supra, §109**). L-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-qorti hija meqjusa bhala parti integrali tal-process għall-finijiet tal-Artikolu 6. Il-protezzjoni mogħtija bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni tibqa' anke meta s-Sentenza mogħtija tillibera lill-persuna minn kull akkuża (**Assanidze vs Georgia**, **QEBD, 8 ta' April 2004, § 181-183**).

Ġie stabbilit li fil-kalkolu tat-tul tal-proċedimenti kriminali m' għandux jiġi kkunsidrat dak il-perjodu sussegwenti għal deċiżjoni li jiġu sospiżi l-proċeduri, anke bil-possibiltá li jerġgħu jibdew fi stadju ulterjuri. Dan għaliex f'dan il-każ il-persuna ma tibqax affettwata u ma tibqax tbati mill-inċertezza li dan ir-rekwiżit ta' żmien raġjonevoli jfittex li jillimita

(**Nakhmanovich v. Russja**, QEBD, 2 ta' Marzu 2006, § 89). Dan il-perjodu iżda jibda ma jiġix ikkunsidrat mhux mid-data ta' tali deċiżjoni iżda mill-mument li din tiġi komunikata lill-persuna kkonċernata (Borzhonov v. Russja, § 38; Niedermeier v. Ġermanja (dec.)).

Din il-Qorti pero' tħoss , li meta Sentenza tiġi annullata mill-Qorti tal-Appell Kriminali biex tkun mismugħa mill-ġdid, anke dak iż-żmien li jkun laħaq għadda qabel mas-Sentenza tkun annullata għandu jingħad u jittieħed in konsiderazzjoni ai finijiet ta' dewmien irraġjonevoli. Dan jingħad ukoll fid-dawl li s-sistema penali tagħna ma jipprovdix għall-Istitut ta' ritrattazzjoni.

Determinazzjoni tar-raġonevolezza taż-żmien

Kif ġie kemm il-darba affermat, ir-raġjonevolezza taż-żmien meħud fis-smigħ ta' kawża għandha titqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ "*magħdudin flimkien b'effett kumulattiv*" f'kull stadju tal-kawża, inkluż dak tal-appell (**Anton Camilleri vs Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar 2016; König vs Germany ċitata supra § 110; Boddaert v. Belgium, QEBD, 12 ta' Ottubru 1992, § 36; Deumeland vs Germany, 29 ta' Mejju 1986, § 90**). Għall-Qorti Ewropeja għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem tant tqis dawn il-prinċipji sagrosanti li anke t-tul komplessiv tal-proċedimenti jista' jitqies li jkun qabeż iż-'żmien raġonevoli' anke fejn ċerti stadji tal-istess ikunu mxew b'ħeffa aċċettabli (**Dobbertin v. France, QEBD, 25 ta' Frar 1993, § 44**). Ġie stabbilit li dan ir-rekwiżit ta' żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni m'għandux jimmina l-

prinċipju ġenerali tal-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja, wkoll stabbilit b'dan l-artikolu. Għandu għalhekk jintlaħaq bilanċ ġust bejn id-diversi aspetti varji ta' dan ir-rekwiżit fundamentali (**Boddaert v. Belgium ċitata supra § 39; ara wkoll Raymond Bonnici et vs Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 2 ta' Marzu 2015, para 27). Eżempju ta' dan huwa fejn il-ħtieġa ta' riżoluzzjoni mgħaġġla ta' proċediment m'għandux iċaħħad akkużat mid-drittijiet ta' difiża (Boddaert vs Belgium ċitata supra § 39**.)

Fil-kejl tagħha tar-raġjonevolezza taż-żmien, il-Qorti Ewropea, u bl-istess mod il-Qrati tagħna, konsistentement qieset iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ fid-dawl ta' erba' kriterji ġenerali (**König v. Germany ċitata supra § 99; Neumeister v. Austria ċitata supra § 21; Ringeisen v. Austria ċitata supra § 110; Pélissier and Sassi v. France, QEBD, 25 ta' Marzu 1999, § 67; Pedersen and Baadsgaard v. Denmark, QEBD, 17 ta' Diċembru 2004 § 45; Chiarello v. Germany, QEBD, 20 ta' Ġunju 2019, § 45; Liblik and Others v. Estonia ċitata supra § 91**). Dawn huma:

(i) il-kumplessità tal-każ;

(ii) il-kondotta tal-persuna li qed tilmenta;

(iii) il-kondotta tal-awtoritajiet relevanti;

(iv) x'hemm involut għall-persuna li qed tilmenta;

Fl-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, il-QEDB, per eżempju, qieset 10 snin (**Milasi vs Italy, QEBD, 25 ta' Ġunju 1987**) u 13-il sena (**Baggetta vs**

**Italy**, **QEBD, 25 ta' Ġunju 1987**) bħala li huma mhux raġjonevoli għall-proċedimenti kriminali. L-Awturi josservaw li "*although consistently acting on the basis that each case must be considered on its facts, so that there is no objective limit to the length of time that can be taken, in all cases which have taken over eight years or more, the Court has in fact always found a breach of Art. 6 (1)*" (**Harris, O'Boyle & Warbrick, *op. cit.,* paġ. 228.** ) Sottolinear ta' din il-Qorti.

Il-Kumplessitá tal-każ

Każ jista' jitqies bħala kumpless fejn il-fatti marbuta miegħu jkunu tali li jinneċessitaw il-produzzjoni ta' volum kbir ta' evidenza (**Eckle vs Germany** ċitata supra) u/jew is-smiegħ ta' numru kbir ta' xhieda (**Mitev vs Bulgaria, QEBD, 22 ta' ta' Diċembru 2004, § 99**), jew fejn ikun hemm għadd kbir ta' akkużi u/jew akkużati jew persuni affettwati (**Papachelas vs Greece, QEBD, 25 ta' Marzu 1999, § 39**). Każijiet jistgħu wkoll jitqiesu bħala kumplessi għax jinvolvu kwistjonijiet legali kumplessi (**Breinesberger and Wenzelhuemer vs Austria**, **QEBD, 27 ta' Novembru 2012, §§ 30-33**) jew minħabba n-natura tagħhom bħal meta jkunu jinvolvu mhux biss l-interessi tal-individwu iżda wkoll dawk tal-kumunitá kollha (**Wiesinger vs Austria,QEBD, 30 ta' Ottubru 1991, § 55**). Każ jista' wkoll jitqies kumpless meta jinvolvi kwistjonijiet relatati mal-kundizzjoni ta' saħħa ta' l-akkużat (**Yaikov vs Russia, QEBD, 18 ta' Ġunju 2015, § 76**). Fatturi oħra li jikkrejaw kumplessitá huma meta l-każ ikun ta' dimensjoni

internazzjonali (**Neumeister v. Austria** ġia ċitata § 20) jew jinneċessita l-ħatra ta' espert speċjalizzat jew li jiġu tradotti dokumenti jew li jintalab interpretu (**Sari v. Turkey and Denmark, QEBD, 8 ta' Novembru 200**1). Każ jista' wkoll jitqies estremament ikkumplikat meta jkun jirrigwarda 'white-collar crime' b'element transnazzjonali (**C.P. and Others v. France**, QEBD, 1 **ta' Awwissu 2000 § 30**).

**Ġie stabbilit iżda li l-kumplessitá waħidha tal-każ ma twassalx sabiex kwalunkwe dewmien jitqies bħala raġonevoli (Ferrantelli u Santangelo vs Italy, QEBD, 7 ta' Awwissu 1996, § 42.** Ara wkoll QEDB, **Ringeisen vs Austria**, ġia ċitata). Minkejja li każ jista' jkun ta' ċerta kumplessità, il-Qorti ma tistax tqis perjodi twal ta' inattività mhux spjegata bħala "raġonevoli" (**Adiletta v. Italy, QEBD, 19 ta' Frar 1991, § 17**). Difatti, għalkemm irrikonoxxiet li każijiet kumplessi jenħtieġu aktar żmien biex jiġu konklużi, l-QEBD stqarret li l-kumplessitá fiha nnifisha mhux neċessarjament tiġġustifika proċedimenti twal li xorta jistgħu jwasslu għal vjolazzjoni tar-rekwiżit taż-żmien raġjonevoli (**Matoń vs Poland, QEBD, 9 ta' Ġunju 2009, § 30; Rutkowski and Others v. Poland, QEBD, 7 ta' Lulju 2015, § 137).**

<u>Il-kondotta tal-persuna li qed tilmenta</u>

Skont il-QEBD, tali kondotta għandha tiġi kkunsidrata fid-determinazzjoni tar-rekwiżit taż-żmien raġjonevoli impost fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni minħabba li hija fattur oġġettiv tal-proċedimenti li l-istat m'għandux kontroll

fuqha u li għalhekk ma jistax jiġi attribwit lilu (**Wiesinger vs Austria ċitata supra § 57**).

Għalkemm tali kondotta tiġi hekk kkunsidrata, l-imputat ma jitqiesx responsabbli li kkontribwixxa għad-dewmien fejn ma jkunx ikkopera b'mod attiv biex iħaffef il-proċeduri kontrih (**Eckle vs Germany** ċitata supra § 82) jew fejn ikun għamel użu sħiħ mir-rimedji domestiċi disponibbli għalih (**Gubkin vs Russia**, **QEBD, 23 ta' April 2009, § 167**) - anke fejn ikun eżerċita azzjonijiet intiżi biex idewmu u jostakolaw l-proċess ġudizzjarju (**Eckle v. Germany**, ċitata supra § 82; **Sociedade de Construções Martins & Vieira, Lda., and Others v. Portugal**, **QEBD, 30 t'Ottubru 2014 § 48**). Dan għaliex "*id-difiza* Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Ġunju 2008, para 32*m'ghandha ebda obbligu li tassisti thaffif tal-proceduri li jittiehdu kontra l-imputat (ara Eckle vs. Germany maqtugh mill-Qorti ta' Strasbourg fil-15 ta' Lulju 1992)*" (**Andrew Ellul Sullivan et vs L-Avukat Generali et**). It-tmexxija tal-proċeduri tibqa' f'idejn il-Qorti (**Francis Said et vs L-Avukat Ġenerali**, **Qorti Kostituzzjonali, 3 ta' Frar 2009, para 22**). "*Kif gie deciz diversi drabi mill-Qorti Ewropeja "An applicant in principle cannot have it held against him that he has made full use of the procedures available to him under domestic law to pursue his defence". Inoltre "an accused person may not be required to co-operate actively in expediting the proceedings which lead to his own conviction". "A party to proceedings can also not be blamed for making use of his right to bring an appeal" Eckle A.51 (1982).*" (**George Xuereb vs L-Avukat Generali**, **Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede**

**Kostituzzjonali, 28 ta' Jannar 2005; ara wkoll QEDB, Moiseyev vs Russia, QEBD, 9 t'Ottubru 2008, § 192, Veliyev vs Russia, QEBD, 24 ta' Ġunju 2010**).

Ġie stabbilit iżda tali kondotta, għalkemm ma titfax ħtija fuq l-imputat għad-dewmien kawżat, "*ma ... tnaqqas xejn mir-responsabilità kontributorja tal-atturi stess illi **għandha jkollha relevanza għal-likwidazzjoni tal-kumpens lilhom dovut***" (**Iris Cassar et vs. Avukat Ġenerali**, **Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Marzu 2015**).

Il-QEBD tikkonsidra li l-persuna konċernata hija meħtieġa biss li turi diliġenza fit-twettiq tal-każ tagħha, li żżomm lura milli tuża tattiċi ta' dewmien u li tużuffruwixxi ruħha mill-azzjonijiet disponibbli fil-liġi domestika għat-tqassir tal-proċeduri. Iżda ma hija taħt l-ebda dmir li tieħu azzjoni li ma hiex adattata għal dak il-għan (**Unión Alimentaria Sanders SA vs Spain**, **QEBD, 7 ta' Lulju 1989, § 35**).

Il-QEBD żammet lill-imputat responsabbli għad-dewmien biss f'każijiet fejn din in-nuqqas ta' diliġenza u l-malafede tiegħu joħroġ manifest: eżempju meta ħareġ evidenti mill-inkartament tal-każ li l-intenzjoni tal-imputat kienet li jdewwem l-intestigazzjoni (**I.A. v. France, QEBD, 23 ta' Settembru 1998, § 121** – f'dawn il-proceduri l-imputat, inter alia, qagħad jistenna li jkun infurmat li t-trażmissjoni tal-inkartament lill-prosekutur pubbliku kienet imminenti qabel ma ddeċieda jitlob numru ta' miżuri investigattivi addizzjonali) jew meta l-imputata istitwiet azzjonijiet bla bażi, m' attendietx

għas-smiegħ tal-proċeduri mingħajr ġustifikazzjoni, wriet nuqqas ta' koordinazzjoni mar-rappreżentant legali tagħha u rrifjutat it-tielet eżami psikjatriku tagħha (**Proszak v. Poland, QEBD, 16 ta' Diċembru 1997; ara wkoll Dosta v. Czech Republic, QEBD, 25 ta' Mejju 2004, § 209**) jew meta l-imputat istitwixxa numru kbir ta' rikorsi u appelli kemm għar-rilaxx kif ukoll għal *challenge* kontra ħafna mill-imħallfin ikkonċernati u għat-trasferiment tal-proċedimenti għal ġurisdizzjonijiet differenti (**Ringeisen v. Austria** ċitata supra § 110).

Ġie stabbilit ukoll li l-imputat huwa prekluż milli jilmenta fuq tul mhux raġjonevoli li matulu kien maħrub mill-ġurisdizzjoni, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet leġittimi jew f'każ ta' *force majeur* (**Vayiç v. Turkey**, **QEBD, 20 ta' Ġunju 2006 § 44; Sari v. Turkey ċitata supra**).

<u>Il-kondotta tal-awtoritajiet relevanti</u>

L-artikolu 6 jimponi <u>fuq l-Istati kontraenti</u> d-dover li jorganizzaw is-sistemi ġudizzjarji tagħhom u jforni lilhom riżorsi biżżejjed sabiex jippermettu lill-qrati tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti mposti fl-artikolu 6 u b'hekk ma jkunx hemm dewmien irraġonevoli fil-proċeduri (**Abdoella v. the Netherlands, QEBD, 25 ta' Novembru 1992, § 24; Dobbertin v. France ġia ċitata § 44; Zimmermann and Steiner vs Switzerland, QEBD, 13 ta' Lulju 1983, § 29; Guincho vs Portugal, QEDB, 10 ta' Lulju 1984**).

Kif sewwa rriteniet il-**Qorti Kostituzzjonali fil-kawża John Bugeja vs L-Avukat Generali et, 11 ta' Awwissu 2003**,

"*Meta jinstab li kawza damet pendenti ghal zmien twil u damet irragonevolment biex inqaghtet, ikun gudizzju simplicistiku wisq li tintefa' l-htija ghad-dewmien fuq l-imhallef partikolari li jkun sema' l-istess kawza li damet. Ikun gudizzju x' aktarx immensament ingust li takkuza jew li tinsinwa li dak l-imhallef partikolari ikun tghazzen, tnikker jew generalment ma kienx diligenti f' xogholu. Dan ghaliex, fil-verita`, l-abilita` ta' dak l-imhallef li jiddisponi mill-kawzi fi zmien ragonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsici u personali tieghu, izda, fil-parti l-kbira tiddependi fuq l-effikacja o meno ta' l-ambjent li jahdem fih. Fost il-fatturi li jikkondizzjonaw dan l-ambjent, insibu n-numru kbir ta' kawzi "qodma" (backlog) li "jitghabba" bih appena jilhaq imhallef, in-numru sinjifikanti ta' kawzi godda li jigu assenjati lilu regolarment, u dawk li jista' "jiret" meta jirtira xi gudikant, il-kwalita` u l-kumplessita` ta' l-istess kawzi, jekk l-imhallef jinghatax persuni debitament kwalifikati biex jassistuh, jekk jinghatax r-rizorsi necessarji biex jaghmel ir-ricerka tieghu, biex izomm ruhu aggornat fl-istudji tieghu, u biex isib il-hin necessarju ghad-deliberazzjoni u l-kitba tas-sentenzi.*

***<u>Id-dritt fundamentali ta' l-individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata eghluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t' amministrazzjoni tal-gustizzja</u>.*** *Il-gudikatura*

*tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma z-zewg kolonni l-ohra ta' l-istat, cjoe` l-ezekuttiv u l-legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l-istrutturi u l-ghodod l-ohra kollha necessarji biex il-Qrati jkunu f' pozizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli.*

*Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem ghallmet li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni: "…. imposes on the Contracting States the duty to organise their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision* ***Salesi vs Italy*** *(26/02/1993). It wishes to reaffirm the importance of administerting justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility* ***Katte Klitsche de la Grange vs Italy*** *(27/10/1994) – (ara A.P. vs Italy 28/07/1999 Application 35265/97 – para. 18).*" (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti).

Ġie madanakollu stabbilit li "*Dewmien li jista' jiġi attribwit għall-istat jeħtieġ li jitqies (QEDB, Buchholz vs Il-Ġermanja, Nru 7759/77, 6 ta' Mejju 1981, paragrafu 49. Ara wkoll QEDB, Yagtzilar u oħrajn vs Il-Greċja, Nru 41727/98, is-6 ta' Diċembru 2001), iżda l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà għandha tkun ikkunsidrata bir-reqqa. Pereżempju, dewmien fil-proċedimenti li jirriżulta mir-riferiment ta' mistoqsija lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni preliminari mhuwiex ħtija tal-istat (QEDB, Pafitis u oħrajn vs Il-Greċja, Nru 20323/92, 26 ta' Frar 1998, paragrafu 95). Madankollu, ir-responsabbiltà ewlenija għall-preparament ta' każ u għat-tmexxija mgħaġġla tas-smigħ tal-kawża taqa' taħt l-imħallef (QEDB,*

*Capuano vs L-Italja, Nru 9381/81, 25 ta' Ġunju 1987, paragrafi 30-31).* Difatti ġie stabbilit li r-responabbilitá ta' dewmien kaġunat minn differimenti ħabba nuqqas ta' attendenza tal-persuni rilevanti (bħal xhieda, ko-akkużati u rappreżentanti legali) taqa' fuq il-Qrati nazzjonali (**Tychko v. Russja**, § 68; ara wkoll **Andrew Ellul Sullivan et vs L-Avukat Ġenerali tar-Repubblika et**, **Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Ġunju 2008**). L-istess huwa l-każ għad-dewmin kawżat mill-ħtieġa ta' perizja teknika: "*minkejja l-apatija tal-partijiet infushom u tal-bosta periti li gew mahtura tul is-snin f'dawn il-kawzi, kien il-poter-dover tal-Qorti illi tizgura li tali dewmien ma jigix permess. Kif spiss sahqu l-qrati taghna, fl-ahhar mill-ahhar id-dmir jibqa' tal-Qorti li ma tippermetti lil hadd mill-partijiet, inkluzi d-difensuri, li jabbuzaw millprocess gudizzjarju u fl-istess waqt tizgura li l-periti gudizzjarji jaqdu dmirijiethom fi zmien ragjonevoli minghajr il-htiega li toqoghod tistenna lill-partijiet biex jattirawlha l-attenzjoni (PA Joseph Gatt et v. L-intimat, 29/07/2013 [deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2014)*" (**Zakkarija Calleja vs. Avukat Ġenerali**, **Qorti Kostituzzjonali, 29 ta' Lulju 2013**). Ġie stabbilit min-naħa l-oħra li l-qrati nazzjonali ma jistgħux jiġu akkużati għal dewmien sostanzjali ikkawżat mill-istat ta' saħħa ta' applikant (**Yaikov v. Russja**, **§ 76**)]. *Il-QEDB sabet li bidliet ripetuti tal-imħallef "ma jistgħux jeżoneraw l-Istat, li huwa responsabbli sabiex jiżgura li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tkun organizzata sew" (QEDB, Lechner u Hess vs L-Awstrija, Nru 9316/81, 23 ta' April 1987, paragrafu 58). Bl-istess mod, "tagħbija żejda kronika" ta' każijiet ma tiġġustifikax proċedimenti*

*eċċessivament twal (QEDB, Probstmeier vs Il-Ġermanja, Nru 20950/92, 1 ta' Lulju 1997, paragrafu 64). L-istat huwa responsabbli għall-awtoritajiet tal-istat kollha – mhux biss il-qrati (498 QEDB, Martins Moreira vs Il-Portugall, Nru 11371/85, 26 ta' Ottubru 1988, paragrafu 60.) ... Xogħol tal-qorti pendenti temporanju ma jiskattax ir-responabbiltà tal-istat jekk jieħu azzjoni korrettiva immedjata, xierqa sabiex tipprova tirrisolvi l-problema (*QEDB, *Probstmeier vs Il-Ġermanja,* Nru 20950/92, 1 ta' Lulju 1997, paragrafu 64*). Sabiex jiġi megħlub l-ammont ta' xogħol pendenti, l-Istati jistgħu jadottaw miżuri provviżorji, bħall-għażla li jindirizzaw il-kawżi f'ordni partikolari (Milasi vs L-Italja, Nru 10527/83, il-25 ta' Ġunju 1987, paragrafu18). Madankollu, jekk dawn l-azzjonijiet temporanji jonqsu milli jaħdmu, l-Istati jridu jadottaw miżuri iżjed effettivi sabiex tiġi indirizzata l-problema (QEDB, Zimmermann u Steiner vs L-Isvizzera, Nru 8737/79, 13 ta' Lulju 1983, paragrafu29). L-Istati għandhom ifittxu modi sabiex jiġu żgurati li s-sistemi ġudizzjarji tagħhom ma joħolqux dewmien fil-proċedimenti.*" (Manwal dwar id-dritt tal-Unjoni relatat mal-aċċess għall ġustizzja, paġna 150-151; parenteżi ta' din il-Qorti)

Il-QEBD tqies dewmien f'xi stadju tal-proċedimenti kkawżat mill-kondotta tal-awtoritajiet relevanti bħala aċċettabbli biss meta t-tul tal-proċedimenti fit-totalitá tagħhom ma jkunx eċċessiv (ara, per eżempju, Pretto et vs l-Italja, 8 ta' Diċembru 1983 , § 37, Serje A nru 71). Eżempju fil-kawża **Sociedade de Construções Martins & Vieira, Lda. u Oħrajn vs Potugal** ċitata supra il-QEBD sabiet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-EHCR minħabba li

l-istennija min-naħa tal-qrati nazzjonali għall-eżitu ta' proċedimenti simili, għalkemm dan jista' jitqies bħala raġonevoli ai fini ta' effiċjenza proċedurali, ma kienx proporzjonat u żamm lill-akkużat fi stat fit-tul ta' inċertezza.

<u>X'hemm involut għall-persuna li qed tilmenta</u>

Ċerti fatturi partikolari li jinvolvu lill-applikant jistgħu jenħtieġu l-applikazzjoni ta' standards iktar rigorużi biex jiġi assigurat li l-proċeduri jingħataw priojoritá, jiġu trattati b'urġenza u ndirizzati b'iżjed ħeffa. Per eżempju, jekk l-imputat qed jinżamm taħt detenzjoni, ikun jeħtieġ 'diliġenza speċjali' minn naħa tal-awtoritajiet sabiex jitħaffu iktar il-proċeduri (**Jabłoński vs Poland, QEBD, 21 ta' ta' Diċembru 2000, § 102. Ara wkoll Chudun vs Russia, QEBD, 21 ta' Ġunju 2011, § 112**). Għandu għalhekk jitqies jekk l-awtoritajiet applikawx din id-diliġenza fil-konsiderazzjoni tar-raġonevolezza tat-tul tal-proċeduri (**Abdoella v. the Netherlands** ċitata supra § 24; **Starokadomskiy v. Russia (no. 2), 13 ta' Marzu 2014, §§ 70-71**). Ġie stabbilit madankollu li, l-fatt stess li l-applikant huwa persuna pubblika u li l-każ ġibed attenzjoni sinifikanti mill-midja, fih innifsu ma jiġġustifikax deċiżjoni li l-każ kien jistħoqqlu trattament ta' prijorità (**Liblik and Others v. Estonia** ċitata supra § 103).

Każijiet oħra fejn ġie stabbilit li kellu jiġi applikat diliġenza speċjali minħabba dak li kien hemm involut għal persuna li qed tilmenta jinkludu s-segwenti:

**1.** fejn l-applikant huwa afflit b'mard ta' theddid għal ħajja u/jew etá avvanzata (***X vs France*, QEBD, 31 ta' Marzu 1992, § 45);**

2. każijiet li jikkonċernaw it-tfal bħal kustodja (**Hokkanen vs Finland, QEBD, 23 ta' Settembru 1994, § 72**) jew rimozzjoni illeċta ta' minuri minħabba li d-dewmien jista' effettivament jiddetermina l-eżitu tal-każ (**Hoholm vs Slovakia, QEBD, 13 ta' ta' Jannar 2015, § 51**);

3. proċeduri sabiex jiġi determinat kumpens għall-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku (**Martins Moreira vs Portugal, QEBD, 26 ta' Ottubru 1988**);

4. kawżi li jikkonċernaw tilwim relatat ma' mpjieg (**Vocaturo vs Italy, QEBD, 24 ta' Mejju 1991, § 17**; **Bauer vs Slovenia, QEBD, 9 ta' Marzu 2006, § 19**);

5. kawżi li jikkonċernaw stat ċivili, bħal dawk għal dikjarazzjoni jew ċaħda ta' paternitá (**Mikulić vs Croatia**, **QEBD, 7 ta' Frar 2002**).

**Konsiderazzjonijiet**

Qabel ma tgħaddi biex tikkunsidra l-mertu, jeħtieġ li din il-Qorti tiddisponi mill-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Direttur Qrati u Tribunal Kriminali li ma huwiex il-leġittimu kontradittur u li għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju (ara eċċezzjoni a' fol 22).

Din l-eċċezzjoni dejjem ġiet milqugħa kull meta ġiet sollevata mill-intimat Direttur Qrati u Tribunal Kriminali. Dan b'applikazzjoni tad-dispożizzjoni

kontenuta fis-subartikolu (2) tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 u l-insenjament riportat fis-sentenzi ċitati mill-konvenut stess fir-risposta tiegħu (ara fol 23). Id-dewmien ilmentat mir-rikorrenti ma jista' qatt jiġi attribwiet "*ghal xi agir attribwibbli għall-amministrazzjoni tal-Qrati, rappreżentata mill-intimat Direttur Generali tal-Qorti, li inoltre zgur li ma kellu ebda kontroll fuq il-proċeduri li minnhom qiegħed jilmenta ir-rikorrenti. L-istess intimat lanqas ma kien involut b'xi mod fil-kawża. Id-Direttur tal-Qrati huwa inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux mill-operat tal-ġudikant, u dan peress illi l-ġudikatura hija indipendenti mill-eżekuttiv. Kwindi din l-eċċezzjoni kif sollevata mill-intimat Direttur tal-Qorti qiegħda tintlaqa u l-istess intimat qed jġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju*." (**Ian Farrugia vs Avukat Generali et**, **Qorti Ċivili Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), 14 ta' Diċembru 2012).**

Għalhekk il-Qorti sejra bl-istess mod tilqa' din l-eċċezzjoni u tgħaddi biex tikkunsidra l-ilment kostituzzjonali b'applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali stabbiliti u delinjati aktar il-fuq f'din is-sentenza.

Ir-Rikorrent jilmenta li l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu ma ġewx konklużi fi żmien raġjonevoli minħabba dilungar inutli konsegwenza ta' snin ta' staġnar marbuta mal-ħatra ta' espert sabiex jeżamina, janalizza u jikkompara impronti diġitali tal-akkużat rikorrent Alfred Degiorgio u sensiela ta' differimenti indikati fil-verbali elenkati fir-rikors promotur u senjalati fil-fatti supra.

Il-proċeduri kriminali in kwistjoni bdew fit-13 ta' Novembru 2000 meta l-Konvenut Alfred Degrio tressaq il-Qorti, flimkien ma żewġ imputati oħra (Emanuel Formosa u Mario Cutajar), akkużat li kkommetta serq aggravat fost oħrajn (ara att t'akkuża a' fol 1 tal-proċess Kriminali kif allegati). Il-każ intemm tmientax-il sena u xahar wara b'Sentenza finali mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Diċembru 2018 (a' fol 1481).

B'dik is-Sentenza il-Qorti tal-Appell Kriminali rrevokat s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-22 ta' Awwisu 2017 (a' fol 1423) fejn sabet lill-attur Alfred Degiorgio ħati tal-akkuża tar-riċettazzjoni u għaddiet għalhekk biex illiberatu minn kull ħtija u piena.

Jibda biex ikun osservat li għal raġuni indikata a' fol 1494 (dak dikjarat mill-ko-akkużati fl-istqarrijia tagħhom kontra l-akkużat Degiorgio kellhu jiġi skartat bħala prova inammissibbli skont il-liġi stante li l-każ tagħhom kien għadu subjudice ladarba l-Prosekuzzjoni għoġobha tixlijhom fl-istess proċeduri mal-imputat Degiorgio stess minflok stenniet biex tikseb kundanna fil-konfront tagħhom sabiex umbagħad isiru xhud kompetenti fil-proċess penali kontra l-istess Degiorgio), l-impronti diġitali ta' Degiorgio elevati f'dawk iċ-ċirkostanzi kienet l-unika prova indizzjarja in atti u waħedha tali prova ma kienetx suffiċjenti sabiex twassal lill-Ewwel Qorti għal konvinċiment morali li Degiorgio ikkommetta r-reat tar-riċettazzjoni (ara fol 1494-1496).

Dan apparti d-difett proċedurali li l-Qorti rriskontrat u li sfuġġa lill-Ewwel Qorti, il-prosekuzzjoni u l-akkużat innifsu , li l-akkuża tar-riċettazzjoni ġiet imputata biss fil-konfront tal-ko-akkużat Mario Cutajar. Għaldaqstant, la darba Alfred Degiorgio qatt ma ġie akkużat bir-reat tar-riċettazzjoni, liema reat ġie addebitat unikament lil Mario Caruana, il-kumpilazzjoni dwar dan ir-reat kellha ssir biss fil-konfront ta' Mario Cutajar u mhux ukoll fil-konfront ta' Alfred Degiorgio (vide fol 1492).

Il-Qorti sejra issa tanalizza d-dilungar ilmentat mir-rikorrent minħabba n-nomina u l-ħatra ta' espert għall-eżaminar, analizzar u komparazzjoni tal-impronti diġitali.

Kif diġa delinjat fil-prinċipji legali esposti supra, il-ħtieġa ta' ħatra ta' espert huwa wieħed mil-fatturi li jikkrejaw kumplessitá fi proċedimenti kriminali (**Sari v. Turkey and Denmark** ċitata supra) u għaldaqstant huwa mistenni li tali proċedimenti jieħdu aktar żmien biex jiġu konklużi. Iżda din il-kumplessitá waħidha ma twassalx sabiex tiġġustifika kwalunkwe dewmien bħala raġonevoli (**Matoń vs Poland**; **Rutkowski and Others v. Poland**; **Ferrantelli u Santangelo vs Italy**; **Ringeisen vs Austria** kollha ġia ċitata supra).

Jirriżulta ictu oculi mill-qari tal-verbali tal-Qorti u r-rinviji tal-Avukat Ġenerali li, sakemm nstab espert kapaċi li jespleta l-inkarigu meħtieġ, għaddew

perjodi twal ta' inattivitá attribwibbli lill-awtoritajiet li xejn ma jistgħu jitqiesu bħala raġonevoli:

In-nomina ta' espert intalbet mill-prosekuzzjoni fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2000 u l-Qorti ħatret lil Joseph Bongailas dik inhar stess ( a' fol 58 ) . Fis-6 ta' Diċembru 2000 is-Sur Bongailas ppreżenta rikors fejn talab li jiġi eżonerat min dan l-inkarigu ( a' fol 115). Minkejja dan u flok ma propona espert alternattiv, l-Avukat Ġenerali fl-ewwel nota ta' Rinviju tiegħu baqa' jeżiġi inutilment sabiex Joseph Bongailas jespleta l-inkarigu tiegħu meta dan kien diġa talab li jiġi eżonerat ( a' fol 315).

Dan apparti, talab ukoll li tinstema xhieda li kienet diġa instemgħet. Il-Qorti min-naħa tagħha agixxiet fuq dan il-kweżit billi ordnat komunika lill-Ministru tal-Ġustizzja sabiex isir dak meħtieġ skont l-artikolu 650 tal-Kap. 9 biex jiġi nominat l-espert mill-esteru (ara verbal datat 1 ta' Frar 2001 a' fol 318). Iżda l-Ministru tal-Ġustizzja ma rreġistra ebda reazzjoni għal din il-komunika u baqa' għal kollox inattiv minkejja żewġ komuniki oħra ordnati lilu għall-istess skop fit-3 ta' Awwissu 2001 u fit-22 ta' Novembru 2001 (a' fol 341 u 404). Konsegwenza ta' din l-inadempjenza tal-Ministru, il-Qorti ddeċidiet li tibqa' tinsisti li tinnomina xorta waħda lil Joseph Bongailas (ara verbal 6 ta' Ġunju 2001 a' fol 333) iżda Joseph Bongailas baqa' jsostni t-talba tiegħu sabiex jiġi eżonerat (ara verbal tat-3 ta' Awwissu 2001 a' fol 341).

Il-Qorti tal-Maġistrati baqgħet għalhekk bla direzzjoni rigward in-nomina ta' espert mill-esteru u rat li ma kellha ebda alternattiva oħra ħlief li tirrinvija l-atti. F'kull rinviju tagħha għal din ir-raġuni l-Qorti ddikjarat u dejjem għamlitha ċara li l-Ministeru tal-Ġustizzja hija dik "*l-entitá li għandha l-funzjoni sabiex tipprovdi l-espert neċessarji sabiex dawn l-eżamijiet isiru stante li l-Qorti ma taf bl-ebda espert ieħor li jista' jissostitwixxi lil Joseph Bongailas*" (verbal tat-22 ta' Novembru 2001 a' fol 404) u li "*l-Qorti ma taf lil ħadd u m'hiex infurmata b'ħadd li jista' jissostitwixxi lil Joseph Bongailas u billi se mai huwa obbligu tal-awtoritajiet biex jipprovdu għall-anqas dawn il-faċilitajiet basiċi*" [verbal tat-13 ta' Marzu 2002 a' fol 412] kif ukoll "*li qatt ma ġiet lilha komunikata ebda lista ta' esperti fil-kamp tal-impronti diġitali u billi m'hiex il-Qorti li għandha tfittex minn huma dawn l'esperti*" (verbal 16 t'Awwissu 2002 fol 421). F'dan l-aħħar verbal tas-16 t' Awwissu 2002, il-Qorti ħasset li ma kellha ebda alternattiva oħra ħlief li tirrikorri għal partijiet. Hija ordnat lill-Avukat Ġenerali kif ukoll lill-imputati sabiex fis-seduta li jmiss jindikaw isem espert/i in sostituzzjoni ta' Joseph Bongailas.

Filwaqt li l-imputati, inkluż għalhekk ir-rikorrenti Degiorgio, baqgħu għal kollox inadempjenti, l-Avukat Ġenerali rrejaġixxa billi fin-nota tar-rinviju tat-18 ta' Settembru 2002 (a' fol 423) talab sabiex Joseph Bongailas jiġi sostitwit bin-nomina ta' Ivan Portelli. Iżda wara li l-Qorti ħarket umbagħad sostitwit lil Ivan Portelli flok is-sur Bongailas (ara verbali tat-3 ta' Diċembru 2002 a' fol 427 u 6 ta' Jannar 2003 a' fol 430), l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju tal- 5 ta' Marzu 2003 talab li l-espert nominat Ivan Portelli , indikat

minnu stess , jiġi sostitwit bl-espert David Brincat minħabba kunflitt ta' interess li Ivan Portelli jista' jkollu peress li kien wieħed mill-uffiċjali prosekuturi fl-inkjesta ( a' fol 432 ). Fatt , li l-prosekuzzjoni messha kienet tafu qabel ma ssugeritu.

Il-Qorti għaddiet biex tinnomina bħala espert lil Nathalie Zahra u ġiet anke irtirata d-dokumentazzjoni relevanti mill-proċess sabiex hija tespleta dan l-inkarigu (ara verbal 2 ta' Marzu 2003 fol 433). Nathalie Zahra espletat dan l-inkarigu billi ppreżentat ir-rapport tagħha (a' fol 444) u rritornat l-eżebiti rtirati (ara verbal tas-7 ta' Lulju 2003 a' fol 441). Madanakollu hija ddeċidiet ma tikkonfermax il-kompletezza, l-interezza u l-eżatezza tar-rapport tagħha skont kif mitlub fi-tieni kweżit tan-nota tar-rinviju tal-5 t'Awwissu 2003 (fol 589). Hija minflok iddikjarat li l-istess rapport fih xi ineżattezzi (ara xhieda ta' Nathalie Zahra a' fol 598).

Minħabba f'hekk l-Qorti ġibdet l-attenzjoni lill-Avukat Ġenerali dwar jekk l-espert għandux jiġi sostitwit (ara verbal 15 ta' Diċembru 2003 fol 596). L-Avukat Ġenerali aġixxa billi fin-nota tiegħu tal-15 ta' Jannar 2004 talab li l-espert Nathalie Zahra tiġi sostitwita b'espert ieħor kompetenti in materia (a' fol 601).

Konsegwentement il-Qorti ghaddiet biex tissostitwixxi lil Nathalie Zahra b'Dr. Juliana Scerri Ferrante (ara verbal 6 ta' Frar 2004 (a' fol 602). Iżda għalkemm rtirat id-dokumenti rilevanti (ara nota a' fol 606) Dr. Scerri Ferrante ma espletatx dan l-inkarigu u rritornat id-dokumenti lura (ara

verbal 2 ta' Awwissu 2004 fol 613). Din l-ahhar espert ħassietha mhux kompetenti fid-dawl ta' diffikultajiet li sabet relatati mal-kumplessita inerenti mat-teknika tal-fotografija (ara xhieda fol 614).

Fin-nota tar-rinviju sussegwenti, dik tat-3 ta' Settembru 2004, l-Avukat Ġenerali ma ndirizzax il-kwistjoni ta' espert (a' fol 637). L-istess għamel fil-kumplament ta' 18-il rinviji sussegwenti li b'kollox ikopru l-perjodu ta' ben sentejn u nofs (ara noti tal-4 ta' Novembru 2004 fol 640, tad-9 ta' Diċembru 2004 fol 646, tal-20 ta' Jannar 2005 fol 649, tat-8 ta' Marzu 2005 fol 676, tat-28 t'April 2005 fol 679, tas-17 ta' Ġunju 2005 fol 682, tal-11 ta' Awwissu 2005 fol 685, tal-5 ta' Ottubru 2005 fol 688, tas-16 ta' Novembru 2005 fol 706, tat-12 ta' Jannar 2006 fol 709, tad-9 ta' Marzu 2006 fol 712, tat-3 ta' Mejju 2006 fol 715, tat-22 ta' Ġunju 2006 fol 718, tad-9 ta' Awwissu 2006 fol 721, tat-2 ta' Ottubru 2006 fol 724, tad-29 ta' Novembru 2006 fol 727, tas-16 ta' Jannar 2007 fol 731 u tal-20 ta' Frar 2007 fol 734). Konsegwentement, f'dan il-perjodu l-Qorti ma tgħat l-ebda provvediment relatat mal-kwistjoni tal-ħatra ta' espert (ara verbali a' fol 638, 644, 647, 650, 677, 680, 683, 686, 689, 707, 710, 713, 716, 719, 722, 725, 729, 732 u 735).

Kien biss permezz tan-nota tar-rinviju tad-9 ta' April 2007 li l-Avukat Ġenerali iddeċieda jerġa jitlob sabiex, "*fid-dawl tax-xhieda ta' Nathalie Zahra a' fol 598, tas-sostituzzjoni tagħha a fol 602 bl-espert Juliana Scerri Ferrante, u fid-dawl tad-deposizzjoni ta' l-istess Juliana Scerri Ferrante a*

*fol 614, jogħġobha taħtar espert tekniku sabiex iwettaq b'mod komprensiv u konklussiv kwalunkwe analisi teknika meħtieġa u li kienet rikjesta minn Nathalie Zahra u Juliana Ferrante*". Fuq dan il-kweżit , il-Qorti aġġixxiet billi ddikjarat hekk: il-"*Qorti tagħmilha ċara li jekk hemm xi nuqqas dan huwa tal-Ministru tal-Ġustizzja li naqas li jottempra ruħu ma l-Artikolu 650(2) tal-Kap. 9. Il-Qorti m'hiex mistennija li tkun taf l-esperti bi speċjalizzazjoni differenti. Dawk l-esperti li kienet a konoxxenza tagħhom meta ġew nominati sfortunatament irrinunzjaw*" (ara verbal tal-1 ta' Ġunju 2007 a' fol 741).

Tlett rinviji u differimenti wara, il-Qorti ordnat komunika lir-Reġistratur tal-Qorti "*sabiex jelenka l-esperti dwar l-impronti diġitali għad eskluzzjoni ta' Joe Mallia* (li ġie rekluż minħabba li kellu xogħol waqt l-inkjesta) *u l-PL Juliana Scerri Ferrante li kienet rrifjutat għall-inkarigu*" (ara verbal tat-8 ta' Ottubru 2007 a' fol 758). Permezz ta' nota preżentata fit-22 ta' Ottubru 2007 a' fol 759 ir-reġistratur għarraf lil-Qorti li m'għandu l-ebda elenku ta' esperti fl-ebda qasam iżda wara li eżamina min qed jippresta s-servizzi tiegħu ta' espert fil-qasam ta' l-impronti diġitali rriżultalu li barra ż-żewġ persuni msemmija mill-qorti, is-Sur Ivan Portelli qiegħed jiġi wkoll nominat għal dan l-iskop.

Fuq din in-nota, il-Qorti għaddiet biex reġgħet innominat għat-tieni darba lill Ivan Portelli (ara verbal tat-23 ta' Ottubru 2007 a' fol 760). Dan minkejja li **ħames snin qabel** (!) kienet ġja innominatu u ssostitwitu fuq kunflitt ta'

interess (ara verbali a' fol 427, 430 u fol 433). L-Avukat Ġenerali lanqas biss ġibed l-attenzjoni tal-Qorti b'dan. Għal kuntrarju, fin-nota tar-rinviju tas-26 ta' Novembru 2007 (fol 762) talabha "tisma lil Ivan Portelli sabiex jirrelata kif ordnat". Dan minkejja li ħames snin qabel kien hu stess li fin nota tar-rinviju tal-5 ta' Marzu 2003 (fol 432) talab is-sostituzzjoni ta' Ivan Portelli minħabba dan il-kunflitt ta' interess!

Wara sitt xhur oħra ta' inattivitá fuq din il-kwistjoni, ġie verbalizzat fid-19 ta' Mejju 2008 (fol 782) li "*minħabba li l-kawza hija stallata billi m'hemmx esperti fir-rigward l-impronti diġitali li jistgħu jiġu nominati u jesegwixxu l-inkariku, is-Supt Carmelo Bartolo obbliga ruħu illi jindika permezz ta' nota espert barrani u jobbliga ruħu u jinnotifika lil kull imputat bi tlett ijiem għar-risposta*". Iżda kien biss sentejn u xaharejn wara li l-prosekuzzjoni għoġobha tagħmel dan permezz ta' rikors intavolat fis-27 ta' Lulju 2010 (fol 837) fejn hemmhekk innominat żewġ esperti barranin bl-isem ta' Philip Gilhooley u John Shanahan.

Mit-tlett imputati, ir-rikorrent Degiorgio biss għoġbu jopponi għan-nomina ta' dawn iż-żewġ esperti (ara verbal 4 ta' Awwissu 2010 a' fol 835). Iżda wara tmien xhur oħra ta' inattivitá (ħlief għal-preżentata ta' risposta tal-prosekuzzjoni fuq l-oġġezzjoni tal-imputat Degiorgio fil-11 ta' Awwissu 20010 a' fol 854, u nomina ta' espert ieħor mill-prosekuzzjoni fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2010 a' fol 875) il-Qorti sa fl-aħħar tat digriet datat 1

ta' April 2011 li bih u għal raġunijiet hemm indikati nnominat lil-Phlip Gilhooley bħala l-espert in kwistjoni (a' fol 992).

Il-proċeduri iżda ntlaqtu minn iktar dilungar meta fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2011 l-prosekuzzjoni talbet ukoll in-nomina ta' Joseph Mallia sabiex jieħu l-impronti diġitali tal-imputati minħabba li dawk meħuda oriġinarjament ġew danneġjati. Dan biex b'hekk il-komparazzjoni mill-espert Philip Gillholey tkun possibli. Ir-rikorrent imputat Degiorgio oġġezzjona għal din in-nomina għal raġunijiet indikati fil-verbal a' fol 1001 fosthom minħabba kawża kostituzzjonali istitwita minnu li kienet għadha pendenti. Minħabba din l-oppożizzjoni , il-Qorti għażlet li tistenna l-eżitu ta' din il-kawża kostituzzjonali qabel ma jittieħdu dawn l-impronti (ara verbal imsemmi a' fol 1001). L-Avukat Ġenerali appella min dan id-digriet interlokutorju u b'deċiżjoni mogħtija fit-18 ta' April 2012 (a' fol 1030), il-Qorti ta' l-Appell Kriminali laqgħet dan l-appell u rrevokat d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati.

Fl-udjenza tal-20 ta' Ġunju 2012 il-Qorti tal-Maġistrati għaddiet biex tordna lil-Joseph Mallia jieħu dawk l-impronti fis-seduta li jmiss (fol 1007). Iżda f' dik l-udjenza li kienet tmiss, dik tad-9 ta' Ottubru 2012, ir-rikorrent Alfred Degiorgio għoġbu jerġa joġġezzjona (a' fol 1008). Minħabba f'din l-oppożizzjoni u għax kien hemm nieqes wieħed mill-imputati, il-Qorti ddiferit il-kawża. Tlett seduti wara u b'digriet tat-28 ta' Jannar 2013, il-Qorti irrikonfermat lil Joseph Mallia qua espert sabiex seduta stante jieħu l-

impronti diġitali tal-imputati (ara a' fol 1011 u kif wkoll verbal tat-28 ta' Jannar 2013 a' fol 1012).

B'rikors preżentat fl-14 ta' Jannar 2013 (fol 1016), il-kummissarju tal-Pulizija talab lil-Qorti tinnomina espert ieħor sabiex jitrasferixxi l-evidenza għal għand l-espert Ingliż Philip Gilhooley ( a' fol 1016). Il-Qorti innominat lill-istess Joseph Mallia biex jagħmel dan, minkejja oppożizzjoni oħra tar-rikorrent imputat Degiorgio (ara verbal tas-27 ta' Frar 2013 a' fol 1018). It-trasferiment in kwistjoni seħħ fil-mori tad-differiment tas-seduta ta' wara li kienet fis-27 ta' Ġunju 2013 (a' fol 1026; ara xhieda ta' Joseph Mallia a' fol 1027). L-espert Gilhooley ħa biss ftit xhur biex jespleta l-inkarigu u ppreżenta r-rapport tiegħu fl-udjenza sussegwenti tat-3 ta' Settembru 2013 (ara verbal fol 1034).

Isegwi għalhekk li min meta saret it-talba tal-prosekuzzjoni għan-nomina ta' espert fit-30 ta' Novembru 2000 sakemm ġie effettivament maħtur u l-inkartament rilevanti trażmess lilu, jiġifieri bejn Frar u Ġunju 2013, kienu laħqu għaddew tlettax -il sena.

Għalkemm ir-rikorrent Alfred Degiorgio ma kellu marbuta miegħu ebda fatturi li kienu jenħtieġu li l-proċeduri jiġu trattati b'urġenza u b'iżjed ħeffa (ara prinċipji legali marbuta mal-ħames kriterju ta' x'hemm involut għall-persuna li qed tilmenta kkunsidrat supra), tlettax -il sena biex jiġi nominat espert ma jista bl-ebda mod jitqies raġjonevoli.

Il-Qorti tagħraf li matul daż-żmien kollu r-rikorrent Degiorgio xejn ma kkopera b'mod attiv biex iħaffef il-proċeduri billi jinnomina hu l-espert meħtieġ, lanqas meta ġie mistieden jagħmel dan mill-Qorti stess fil-verbal tas-16 t' Awwissu 2002. Anzi huwa oppona għal kull nomina ta' espert li saret min-naħa tal-Prosekuzzjoni bil-mod kif ġia senjalat supra (ara verbali 4 ta' Awwissu 2010 a' fol 835, 10 ta' Ottubru 2011 a' fol 1001, 9 ta' Ottubru 2012 a' fol 1008, u 27 ta' Frar 2013 a' fol 1018).

Iżda ladarba r-rikorrent wera d-diliġenza meħtieġa fit-twettieq tal-kawża tiegħu billi dejjem kien preżenti għas-seduti u żamm lura milli uża tattiċi ta' dewmien, l-ebda responsabbilitá għal dan id-dilungar ma tista tiġi attribwibli lilu. Dan peress li, fid-dawl tal-prinċipji legali gia esposti, r-rikorrent m'għandu l-ebda obbligu li jassisti t-tħaffif tal-proċeduri kontra tiegħu (ara **Andrew Ellul Sullivan et vs L-Avukat Generali et**, ċitata supra) u t-tmexxija tal-proceduri tibqa' f'idejn il-Qorti (ara **Francis Said et vs L-Avukat Ġenerali** ċitata supra para 22).

Din il-Qorti tara però li l-Qorti tal-Maġistrati ħadet il-miżuri kollha fil-poter tagħha biex jiġi nominat espert. Meta l-ħatriet minnha ta' Joseph Bongailas, Ivan Portelli, Nathalie Zahra u Dr. Juliana Scerri Ferrante ma rnexxewx għal raġunijiet fuq senjalati, hija ripetutament ordnat komunika lill-Ministru tal-Ġustizzja. Fin-nuqqas ta' ntervent min-naħa tiegħu, hija stiednet ukoll lill-partijiet kollha u anke lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex jitfgħu huma n-nomina ta' espert.

Kif ġustament verbalizzat mill-istess Qorti tal-Maġistrati diverżi drabi matul il-kors tal-proċeduri (ara ċitazzjonijiet supra), il-Ministru tal-Ġustizzja in rappreżentanza tal-Istat kellu l-obbligu li jkollu fis-seħħ sistema effiċjenti t'amministrazzjoni tal-ġustizzja billi jorganizza lista ta' ismijiet ta' esperti fil-qasam in kwistjoni u jforniha lil Qorti tal-Maġistrati sabiex tkun f' pozizzjoni li twettaq il-gustizzja fi żmien ragonevoli. B'hekk kien jiġi evitat dak id-dilungar deċiżament eċċessiv kollu. Minflok u minkejja d-diverżi komuniki mibgħuta lilu, l-Ministru tal-Ġustizzja m'għamel xejn bil-konsegwenza li l-andament tal-proċess kiminali waqa' fi stat ta' paraliżi proċedurali għal dak iż-żmien kollu sakemm il-prosekuzzjoni nnominat hi l-esperti idoneji permezz ta' rikors preżentat fis-27 ta' Lulju 2010 (fol 837). B'dan il-mod, il-Ministru tal-Ġustizzja kiser id-dritt fundamentali tar-rikorrenti li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa u finalizzata egħluq żmien raġonevoli.

Il-Qorti tqis ukoll li l-prosekuzzjoni kkontribwiet sostanzjalment għal dan id-dewmien irraġonevoli għal raġunijiet segwenti:

1. Għalkemm l-obbligu li tindika espert ma kienetx taqa' fuqha, hija ddeċidiet tassumih b'dikjarazzjoni fil-verbal tad-19 ta' Mejju 2008 ċitat supra (a' fol 782). Il-prosekuzzjoni iżda ħadet sentejn u xaharejn qabel ma ddeċidiet teżegwixxi dak obbligat minnha permezz ta' rikors preżentat fis-27 ta' Lulju 2010 (fol 837). Sentejn u xahrejn huma bla dubju twal wisq u kkontribwew għad-dilungar żejjed tal-proċeduri.

2. Wara li naqset milli titlob li jsir komparazzjoni tal-impronti diġitali min espert idonju f'ben 19-il nota ta' rinviju li jkopru l-perjodu ta' sentejn u nofs oħra (mit-3 ta' Settembru 2004 sal-20 ta' Frar 2007), il-prosekuzzjoni kellha tagħraf toqogħod mingħajr il-prova relattiva tal-komparazzjoni tal-impronti u mhux terġa tibda titlob għan-nomina ta' espert wara dak iż-żmien kollu. Dan speċjalment fid-dawl tal-fatt senjalat mill-Qorti tal-Appell Kriminali li l-prova tal-impronti diġitali kienet teżorbita mill-akkuża li ġie imputat biha Alfred Degiorgio u terġa anqas biss kienet legalment ammissibbli konsegwenza tad-deċiżjoni ta' l-istess prosekuzzjoni li tixli lil ko-akkużati l-oħra fl-istess proċeduri (ara l-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali a' fol 1494 sa 1496 esposti in suċċint iktar il-fuq f'din is-sentenza).

3. Il-mod xejn felici ta' kif il-proskeuzzjoni stradat u trattat il-provi relatati mal-kwistjoni tal-impronti diġitali wasslet għal: (a) ħela ta' sitt xhur żmien ta' stennija inutli sabiex il-Qorti tagħmel dak mitlub fin-nota tar-rinviju (fol 762) u "tisma lil Ivan Portelli jirrelata kif ordnat" meta Ivan Portelli kien diġa maħtur u sostitwit ħames snin qabel fuq talba tal-proskuzzjoni stess (ara nota tar-Rinviju tal-5 ta' Marzu 2003 a' fol 432) u (b) ħela ta' sena u tlett xhur oħra żmien (mill-10 ta' Ottubru 2011 sat-28 ta' Jannar 2013) biex jiġi maħtur espert lokali sabiex jerġgħu jittieħdu l-improtni diġitali tal-imputati minħabba li dawk

meħuda oriġinarjament ġew danneġjati waqt li kienu f'idejn il-prosekuzzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ikkontribwiet b'mod sostanzjali għad-dewmien tal-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent.

Ir-rikorrenti jirreklama wkoll vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli minħabba sensiela ta' differimenti indikati fil-verbali elenkati fir-rikors promotur (fol 8-10). Dawn id-differimenti hemm indikati saru fl-istess proċeduri kriminali u matul l-istess perjodu ta' tlettax-il sena (min meta saret it-talba tal-prosekuzzjoni għan-nomina ta' espert fit-30 ta' Novembru 2000 sakemm ġie effettivament maħtur u l-inkartament rilevanti trażmess lilu, jiġifieri bejn Frar u Ġunju 2013) ġia dikjarat min din il-Qorti bħala leżiv ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrenti għal raġunijiet appena imfissra. L-ewwel talba tar-rikorrenti ġia ġiet effettivament milqugħa. Il-Qorti għalhekk ma tarax il-ħtieġa li għandha għalfejn tikkunsidra dan l-ilment billi, jekk ikun jirriżulta fundat, se jwassal għal vjolazzjoni ġia dikjarata li saret minn din il-Qorti ai fini tal-ewwel talba.

Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi biex tikkonsidra t-tieni talba tar-rikorrenti għal kumpens xieraq bħala rimedju effettiv għal proċedimenti li ġew konklużi fi żmien mhux raġonevoli.

Il-QEBD stabbilit li kumpens jista' jkun effettiv meta ma jkunx jeżisti rimedju preventiv billi l-proċedimenti jkunu diġa eċċessivament twal (**QEDB,**

***McFarlane vs L-Irlanda* [QĠ], Nru 31333/06, 10 ta' Settembru 2010, paragrafu 108**).

Il-QEBD iżda ħalliet f'idejn il-Qrati nazzjonali biex jiddeterminaw il-kumpens xieraq bħala rimedju effettiv għal ksur ta' smigh xieraq fi żmien raġjonevoli, dment li l-proċedura applikata hija konformi mal-prinċipji ta' ekwitá garantiti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni:

"*With regard to the concern to have a remedy affording compensation that complies with the reasonable-time requirement, it may well be that the procedural rules are not exactly the same as for ordinary applications for damages. <u>It is for each State to determine, on the basis of the rules applicable in its judicial system, which procedure will best meet the compulsory criterion of "effectiveness", provided that the procedure conforms to the principles of fairness guaranteed by Article 6 of the Convention</u>.*" (**QEDB, *Scordino vs L-Italja (Nru 1)* [QĠ], Nru 36813/97, 29 ta' Marzu 2006, para 200**, sottolinear ta' din il-Qorti).

Għal dak li jirrigwarda kumpens morali, il-QEBD fl-istess sentenza kompliet tistqarr f'para 204 u 205 is-segwenti:

"*Regarding non-pecuniary damage, the Court – like the Italian Court of Cassation (see its judgment no. 8568/05, paragraph 70 above) – <u>assumes that there is a strong but rebuttable presumption that excessively long proceedings will occasion non-pecuniary damage.</u> <u>**It also accepts that,**</u>*

***<u>in some cases, the length of proceedings may result in only minimal non-pecuniary damage or no non-pecuniary damage at all</u>*** *(see Nardone, cited above).* ***<u>The domestic courts will then have to justify their decision by giving sufficient reasons.</u>***

*<u>Moreover, in the Court's view, the level of compensation depends on the characteristics and effectiveness of the domestic remedy.</u>*" (emfażi u sottolinear tal-Qorti)

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Raymond Urry et v. Avukat Ġenerali**, **datata 27 ta' Frar 2015** stabbilit kriterji li l-Qrati tagħna kostantament japplikaw biex jiddeterminaw il-quantum mistħoqq bħala kumpens morali għal-leżjoni ta' smiegħ xieraq: Hija rriteniet li "*Sabiex tasal ghal ammont ta' kumpens li jkun gust u ekwu skont ic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti ghandha tqis, fost affarijiet ohra, s-segwenti cirkostanzi:*

*[a] id-dewmien inordinatament twil u eccessiv;*
*[b] in-natura kriminali tal-proceduri relevanti;*
*[c] il-grad ta' stat ta' incertezza, frustrazzjoni, u ansjeta` li ddewmien necessarjament iggenera persuna akkuzata;*
*[d] in-nuqqas tar-rikorrenti appellanti li jintraprendu xi inizjattiva biex jissolecitaw speditezza fl-andament tal-kawza taghhom;*
*[e] il-kontribut tar-rikorrenti appellanti ghad-dewmien tal-proceduri."*

Ai fini tal-kweżit [a], ġie ġia kkunsidrat supra li d-dewmien ta' tlettax -il sena sabiex jinħatar espert u b'hekk il-prosekuzzjoni tkun f'qagħda li tagħlaq il-provi tagħha kien inordinatament twil u eċċessiv. Ai fini tal-kweżit [e] ġie bl-istess mod stabbilit supra li r-rikorrenti ma kkontribwiex għad-dewmien tal-proċeduri iżda wera d-diliġenza meħtieġa fit-twettieq tal-kawża tiegħu u dejjem kien preżenti għas-seduti. Iżda ai fini tal-kweżit [d] joħroġ flagranti n-nuqqas ta' kwlunkwe sforz mir-rikorrenti biex jissoleċita speditezza fl-andament tal-kawża tiegħu. Ir-rikorrenti xejn ma kkopera b'mod attiv biex iħaffef il-proċeduri billi jinnomina hu l-espert meħtieġ, lanqas meta ġie mistieden jagħmel dan mill-Qorti stess fil-verbal tas-16 t' Awwissu 2002. Anzi huwa oppona għal kull nomina ta' espert li saret min-naħa tal-Prosekuzzjoni bil-mod ġia senjalat supra.

Aktar stramb huwa l-fatt li matul l-istess firxa ta' snin la r-rikorrent u lanqas id-difensur tiegħu qatt irreġistraw xi verbal li fih ipprotestaw għal dan id-dewmien inġustifikat, lanqas meta l-prosekuzzjoni reġgħet bdiet terġa tipproduċi x-xhieda fl-udjenza tat-2 ta' Awwissu 2004 (ara verbal fol 612) minkejja li sena qabel, fl-udjenza tas-7 ta' Lulju 2003, kienet iddikjarat li fadal biss il-kummissarju tal-Pulizija salv li terġa tiġi prodotta Nathalie Zahra (ara verbal fol 441). Matul dawn it-tlettax-il sena mit-talba tal-prosekuzzjoni għal-ħatra ta' espert sakemm effettivament inħatar, ir-rikorrent ma ħa l-ebda passi u ma intervjena xejn biex il-proċeduri jimxu b'mod aktar spedit iżda illimita ruħu biss biex jitlob għal varjazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest (ara verbali 10 ta' Jannar 2002 a' fol 409, 3 ta' Diċembru 2002

a' fol 427 u 5 ta' Frar 2002 a' fol 430). B'hekk huwa ta l-impressjoni li ma kellu l-ebda għaġġla partikolari biex il-kumpilazzjoni tiġi konkluża u li, ai fini tal-kweżit [c], id-dilungar ma kien qed iħalli ebda effett fuq l-imputat. Difatti f'ebda stadju tal-proċeduri r-rikorrenti ma ilmenta li d-dewmien kien qed jikkaġunalu xi ħsara mentali jew anzjetá. Dan minkejja li n-natura kriminali tal-proċeduri, ai fini tal-kweżit [b], kienet waħda msejsa fuq ir-reat pjuttost gravi ta' serq aggravat.

Fin-nota tiegħu a' fol 49, ir-rikorrenti jissottometti li matul dan il-perjodu "*Huwa kien għaddej minn stat ta' anzjetá kif anke ċċertifika t-tabib tiegħu iżda l-prosekuzzjoni mill-ewwel oġġezzjonat u talbet illi jiġi prodott it-tabib. Effettivament però imbagħad il-prosekuzzjoni ma inġunġietx lit-tabib. Hawn ta' min ifakkar illi fil-proċess penali, il-prosekuzzjoni biss tista' tinġunġi xhieda permezz tar-referta. L-esponenti tħalla kif kien.*" Fuq din is-sottomissjoni l-Qorti tirrileva s-segwenti:

1. Dan iċ-ċertifikat sar biss sena u xahar wara li ġew istitwiti l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti, preċiżament fit-23 ta' Diċembru 2001 (ara ċertifikat a' fol 409 tal-proċess allegat).

2. L-istat ta' allegata ansjetá tar-rikorrenti reklamata f'dan iċ-ċertifikat ma kienetx konsegwenza ta' xi dilungar inutili tal-proċedimenti billi dawn kienu għadhom fi stadju bikri ħafna. Lanqas kienet konsegwenza tan-natura kriminali tal-proċeduri.

3. Ir-raġuni dikjarata fiċ-ċertifikat għal din l-ansjetá hemm reklamata kienet "*due to feeling of constraint as he is limited in his outdoor hours*".

4. Difatti dan iċ-ċertifikat ġie prodott purament ai fini tat-talba tar-rikorrenti li saret fl-udjenza tal-10 ta' Jannar 2002 sabiex jiġu varjati dawk il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mll-arrest li kienu jimponu limitu fis-siegħat li fihom seta joħroġ ir-rikorrenti (ara verbal a' fol 409).

5. M'huwiex minnu dak sottomess mir-rikorrenti li l-prosekuzzjoni kellha tinġunġi lit-tabib permezz tar-referta sabiex dan ikun f'qagħda li jitla' jixhed. It-tabib seta' jinġieb mir-rikorrenti stess biex jiġi eżaminat fil-qorti u viva voce ai termini tal-artikolu 646(7) tal-Kap. 9.

Jirriżulta mill-atti proċesswali tal-proċeduri kriminali, allegati mal-proċeduri odjerni, li r-rikorrenti qatt ma lmenta jew produċa xi ċertifikat mediku biex juri li d-dewmien kien qed jikkaġunalu ħsara mentali jew ansjeta'. Dan il-fatt magħdud mal-fatt l-ieħor li, kif ġia konstatat iktar il-fuq, ir-rikorrenti m'eżerċita l-ebda pressjoni sabiex iħaffef il-proċedimenti kriminali fil-konfront tiegħu, iwassal lill-Qorti għal konvinzjoni morali li d-dilungar m'affettwa xejn lir-rikorrenti tant li ma kellu l-ebda għaġġla biex dawn il-proċedimenti jiġu konklużi fi żmien raġonevoli.

Il-Qorti pero' ma tistax ma tosservax li l-aġir tar-rikorrent, ħdejn dak tal-Awtoritajiet f'dawk il-proċeduri ftit li xejn ikkontribwixxa għad-dewmien

irraġjonevoli. L-aġir tal-Awtoritajiet huwa mingħajr dubbju r-raġuni prinċipali għat-tkarkir tas-saqajn li kkontribwixxa biex il-proċeduri ħadu dak it-tul ta' żmien kollu. Dan ifisser li din il-Qorti ser tilqa' it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija u tillikwida kumpens xieraq. L-intimat Direttur Qrati u Tribunali Kriminali ser ikun qed jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju għar-raġunijiet fuq imsemmija.

Din il-Qorti temmen, li sa fejn jirrigwarda l-ħlas ta' kumpens, ma jagħmilx sens, li wara snin ta' stennija minħabba dewmien esaġerat titħallas biss somma kapitali u mhux imgħaxijiet. Kif diġa' osservat aktar 'l fuq, id-dewmien kien gran parti tiegħu dovut għall-aġir xejn feliċi tal-Awtoritajiet. Għalhekk il-Qorti ser tuża d-diskrezzjoni lilha fdata mill-Kostituzzjoni ai termini tal-artikolu 46 u bħala direttivi oħra ser tkun qed tagħti imgħaxijiet bil-ħamsa fil-mija (5%) b'effett mill-1 ta' Jannar 2010. Il-Qorti qed tagħżel din id-data fuq prinċipji ta' ekwita'.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħdha taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tad-Direttur Qrati u Tribunali Kriminali u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara l-aġir tal-intimati l-oħrajn bħala illegali u li jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi jiksru l-artikolu 39

tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

**Tilqa' it-tieni talba** u tillikwida bħala kumpens l-ammont ta' sebgħat elef Ewro (€7,000) u tikkundanna lill-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Ġenerali in solidum bejniethom iħallsu l-ammont hekk likwidat;

**Tilqa' it-tielet talba** u tordna li flimkien mas-somma msemmija għandu jitħallas mill-intimati lir-rikorrent, imgħax bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) mill-1 ta' Jannar 2010.

Spejjeż għandhom jiġu sopportati mill-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Ġenerali.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**